*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

**2011/0435(COD)**

8.11.2012

# ABBOZZ TA' OPINJONI

għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali u r-Regolament dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern.
(COM(2011)0883 – C7-0512/2011 – 2011/0435(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Anja Weisgerber

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali hija parti mit-tnax-il xprun sabiex jiġi stimulat it-tkabbir u r-rinfurzar tal-fiduċja fis-suq intern. L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa ż-żieda tal-mobilità fis-suq intern permezz ta' proċeduri ta' rikonoxximent simplifikati u mingħajr dewmien ta' kwalifiki professjonali. Minkejja li l-moviment liberu tal-persuni huwa wieħed mill-erba' libertajiet fundamentali tas-suq intern, illum il-ġurnata 20 fil-mija tal-każijiet SOLVIT għadhom jikkonċernaw problemi relatati mar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali.

Abbażi ta' żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi, f'Diċembru 2011 il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta tagħha għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

Peress li l-opinjoni attwali għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel inħarġet, ir-rapporteur tillimita ruħha speċjalment għal professjonijiet fil-qasam tas-saħħa settorjali kif ukoll għal aspetti marbuta mas-settur tas-saħħa. F'dan il-kuntest, ir-rapporteur għażlet is-sigurtà tal-pazjenti bħala s-suġġett prinċipali.

**L-elementi prinċipali tal-Proposta**

Il-Karta Professjonali Ewropea

Il-ġist tal-proposta tal-Kummissjoni huwa l-introduzzjoni ta' Karta Professjonali Ewropea, li ġiet milqugħa wkoll mill-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu ta' Novembru 2011. Permezz tal-Karta Professjonali li hija ekwivalenti għal ċertifikat elettroniku, il-proċeduri ta' rikonoxximent għandhom jitħaffu, jiġu simplifikati u jsiru aktar trasparenti. L-introduzzjoni tal-Karta Professjonali ssir fuq bażi volontarja, fuq talba tal-assoċjazzjonijiet professjonali. F'każ li tiġi introdotta l-Karta Professjonali, l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) ikun obbligatorju.

Ir-rapporteur tilqa' l-introduzzjoni tal-Karta Professjonali u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern, madankollu taħseb li l-aspett volontarju tal-Karta Professjonali għandu jkun jispikka iktar. Barra minn hekk, fil-fehma tar-rapportuer il-limiti ta' żmien inklużi fil-proposta huma ambizzjużi żżejjed u meta l-kwalifika tiġi meqjusa bħala approvata, li tapplika awtomatikament bħala rikonoxxuta skont il-kwalifika professjonali f'każ ta' nuqqas ta' deċiżjoni tal-Istat Membru ospitanti wara l-iskadenza, dan jikkontradixxu l-prinċipju ġenerali tas-sigurtà tal-pazjenti. Jekk awtorità ma jirnexxilhiex tanalizza applikazzjoni f'limitu ta' żmien stipulat, pereżempju minħabba riċerki neċessarji, f'dak il-każ l-awtorità jkollha tirrifjuta r-rikonoxximent, sabiex ma tiħux ir-riskju li awtomatikament titqies bħala approvata. Konsegwentement, l-applikant ikollu jerġa' japplika mill-ġdid, u l-proċedura tieħu fit-tul u b'hekk tmur kontra l-idea oriġinali ta' rikonoxximent mingħajr dewmien ta' kwalifiki professjonali.

Rekwiżiti minimi għal professjonijiet b'rikonoxximent awtomatiku

Attwalment hemm seba' professjonijiet, sitta minnhom professjonijiet mediċi, li huma soġġetti għas-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku. It-tobba, id-dentisti, il-veterinarji, l-

infermiera, il-qwiebel kif ukoll l-ispiżjara huma affettwati minn din is-sistema. Ir-rikonoxximent awtomatiku huwa bbażat fuq l-armonizzazzjoni tal-kontenut u l-kundizzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ fl-Istati Membri. Fuq din il-bażi, il-kwalifiki professjonali, li jikkorrispondu għall-Anness V tad-Direttiva, għandhom jiġu awtomatikament rikonoxxuti mingħajr verifiki tal-kwalifiki fi Stat Membru ieħor.

Il-proposta tal-Kummissjoni tipprovdi għal aġġornament tal-kundizzjonijiet minimi ta' edukazzjoni u taħriġ għat-tobba, l-infermiera u l-qwiebel.

Ir-rapporteur tirrifjuta ż-żieda tar-rekwiżit ta' ammissjoni għat-taħriġ tal-infermiera u l-qwiebel minn 10 għal 12-il sena ta' edukazzjoni formali ġenerali. Proprju fuq sfond ta' theddida ta' nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet professjonali, speċjalment fil-qasam tas-saħħa, huwa inevitabbli li tiżdied il-mobilità fis-suq intern. Madankollu, f'dan ir-rigward għandu jiġi kkunsidrat li ma jinħolqux ostakoli ġodda artifiċjali permezz taż-żieda tar-rekwiżiti ta' ammissjoni, pereżempju bħal fil-każ tal-infermiera u l-qwiebel. Żieda ġenerali tar-rekwiżit ta' ammissjoni, li hija definita permezz tal-edukazzjoni formali, tikkontradixxi l-għan tal-ġlieda kontra n-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet professjonali fl-Ewropa. Il-Kummissjoni tintroduċi ż-żieda tar-rekwiżiti fil-qasam tas-saħħa bħala argument għaż-żieda tal-edukazzjoni formali ġenerali. Madankollu, ir-rapporteur hija tal-opinjoni li ż-żieda tar-rekwiżiti f'dawn il-professjonijiet mediċi ma kinitx minħabba edukazzjoni formali estiża, iżda primarjament minħabba taħriġ aħjar. Barra minn hekk, abbażi tas-sistemi skolastiċi differenti u li evolvew tradizzjonalment fl-Ewropa, is-sempliċi kunsiderazzjoni tan-numru ta' snin skolastiċi ma tidhirx li twassal għall-għan mixtieq. Id-Direttiva tikkoordina r-rekwiżiti minimi għat-taħriġ. L-Istati Membri jibqgħu għalhekk liberi li jistipulaw edukazzjoni formali ġenerali ta' aktar minn għaxar snin bħala rekwiżit ta' ammissjoni għall-programm ta' taħriġ.

Aċċess parzjali

L-aċċess parzjali jfisser li l-Istat Membru ospitanti jista' jillimita l-aċċess għal professjoni rregolata b'mod eċċezzjonali għall-attivitajiet li jissodisfaw il-kwalifiki miksuba fl-Istat Membru tad-domiċilju.

L-idea tal-aċċess parzjali għandha essenzjalment tintlaqa', peress li l-aċċess parzjali jista' jwassal għal żieda fil-mobilità fl-UE. Madankollu, minħabba raġunijiet tas-sigurtà tal-pazjent, l-applikazzjoni tal-aċċess parzjali għal professjonijiet tal-kura tas-saħħa għandha tiġi rrifjutata.

Mekkaniżmu ta' twissija

Il-Kummissjoni tipproponi l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' twissija. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma obbligati skont il-proposta tal-Kummissjoni, li jwissu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha dwar professjonisti li l-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom ikun ġie pprojbit minn awtorità jew qorti.

Ir-Rapporteur tilqa' ferm dan l-isforz tal-Kummissjoni, peress li fil-passat kien hemm każijiet fejn membri tal-professjoni tal-kura tas-saħħa ttiħditilhom l-awtorizzazzjoni fil-pajjiż ta' oriġini, iżda dawn setgħu jaħdmu fi Stat Membru ieħor mingħajr ma ġew innutati.

Madankollu, il-mekkaniżmu ta' twissija għandu japplika għall-professjonijiet tal-kura tas-

saħħa kollha – għar-rikonoxximent awtomatiku fis-sistema u r-rikonoxximent ġenerali fis-sistema. Separazzjoni artifiċjali tal-mekkaniżmu ta' twissija ma tidhirx xierqa mil-lat tas-sigurtà tal-pazjenti.

Rekwiżiti tal-lingwa

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pazjenti, il-membri tal-professjonijiet mediċi għandu jkollhom ħiliet lingwistiċi biżżejjed. Fil-fehma tar-Rapporteur, f'kull każ għandu jiġi żgurat li jsiru eżamijiet lingwistiċi qabel id-dħul għal professjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Kunsiderazzjoni 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46, 53(1), 62 ***u 114*** tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 46, 53 (1), 62, ***114 u 168*** tiegħu, |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reviżjoni tad-Direttiva għandha tiggarantixxi l-protezzjoni tal-pubbliku, bħala objettiv ġenerali għall-moviment liberu tal-professjonisti. Għal dan il-għan, il-proposta għandu jkollha bażi legali konġunta kemm għas-saħħa pubblika (l-Artikolu 168 tat-TFUE) u għas-suq intern (l-Artikolu 114 tat-TFUE). Dan għandu jiżgura li l-Istati Membri jkollhom il-mezzi biex jipproteġu l-klijenti u l-konsumaturi minn dannu potenzjali, fejn ikun meħtieġ.*

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Sabiex jiġi promoss il-moviment liberu tal-professjonisti, filwaqt li jiġi żgurat | (3) Sabiex jiġi promoss il-moviment liberu tal-professjonisti, filwaqt li jiġi żgurat |

rikonoxximent tal-kwalifiki aktar effiċjenti u trasparenti, huwa neċessarju li tiġi pprovduta Karta Professjonali Ewropea. B'mod partikolari, din il-karta hija meħtieġa sabiex tiffaċilita l-mobilità temporanja u r-rikonoxximent taħt is-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku, kif ukoll sabiex jiġi promoss proċess ta' rikonoxximent simplifikat taħt is-sistema ġenerali. Il-karta għandha tinħareġ fuq talba minn professjonist u wara li l-awtoritajiet kompetenti jissottomettu d-dokumenti meħtieġa u jlestu l-proċeduri ta' reviżjoni u verifika relatati. Il-funzjonament tal-karta għandu jiġi appoġġjat mis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru […] dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern. Dan il-mekkaniżmu għandu jgħin sabiex jittejbu s-sinerġiji u l-fiduċja bejn l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li fl-istess ħin jiġi eliminat ix-xogħol amministrattiv doppju għall-awtoritajiet u jinħolqu trasparenza u ċertezza akbar għall-professjonisti. Il-proċess għall-applikazzjoni u l-ħruġ tal-karta għandu jiġi strutturat b'mod ċar u għandu jinkorpora salvagwardji u d-drittijiet ta' appell korrispondenti għall-applikant. Il-karta u l-volum ta' xogħol relatat magħha fi ħdan l-IMI għandhom jiżguraw l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-dejta maħżuna u għandhom jevitaw aċċess illegali u mhux awtorizzat għall-informazzjoni li tinsab fihom.

rikonoxximent tal-kwalifiki aktar effiċjenti u trasparenti, huwa neċessarju li tiġi pprovduta Karta Professjonali Ewropea. B'mod partikolari, din il-karta hija meħtieġa sabiex tiffaċilita l-mobilità temporanja u r-rikonoxximent taħt is-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku, kif ukoll sabiex jiġi promoss proċess ta' rikonoxximent simplifikat taħt is-sistema ġenerali. Il-karta għandha tinħareġ fuq talba minn professjonist u wara li l-awtoritajiet kompetenti jissottomettu d-dokumenti meħtieġa u jlestu l-proċeduri ta' reviżjoni u verifika relatati. Il-funzjonament tal-karta għandu jiġi appoġġjat mis-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) stabbilita mir-Regolament (UE) Nru […] dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern. Dan il-mekkaniżmu għandu jgħin sabiex jittejbu s-sinerġiji u l-fiduċja bejn l-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li fl-istess ħin jiġi eliminat ix-xogħol amministrattiv doppju għall-awtoritajiet u jinħolqu trasparenza u ċertezza akbar għall-professjonisti. Il-proċess għall-applikazzjoni u l-ħruġ tal-karta għandu jiġi strutturat b'mod ċar u għandu jinkorpora salvagwardji u d-drittijiet ta' appell korrispondenti għall-applikant. Il-karta u l-volum ta' xogħol relatat magħha fi ħdan l-IMI għandhom jiżguraw l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-dejta maħżuna u għandhom jevitaw aċċess illegali u mhux awtorizzat għall-informazzjoni li tinsab fihom. ***Jenfasizza li l-prattika tar-rikonoxximent ta' kwalifika professjonali skont il-karta hija kompetenza esklussiva tal-Istat Membru.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tiċċara li m'għandu jkun hemm l-ebda konfużjoni rigward fejn tinsab ir-responsabbiltà għar-rikonoxximent tal-Karta Professjonali. għandha tkun kollha tal-Istat Membru ospitanti biex tiżgura l-integrità, is-sikurezza u l-kwalità fil-proċess ta' rikonoxximent.*

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Id-Direttiva 2005/36/KE tapplika biss għal professjonisti li jixtiequ jwettqu l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor. Hemm każijiet fejn l-attivitajiet ikkonċernati jkunu parti minn professjoni b'ambitu ta' attivitajiet akbar fl-Istat Membru ospitanti. Jekk id-differenzi bejn l-oqsma ta' attività tant ikunu kbar li fil-verità jkun meħtieġ li l-professjonist jagħmel programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet u jekk il-professjonist jitlob dan, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari Stat Membru ospitanti għandu jawtorizza aċċess parzjali. Madankollu, f'każ ta' raġunijiet prijoritarji ta' interess ġenerali***, bħal fil-każ ta' tabib jew professjonisti oħra fil-qasam tas-saħħa***, Stat Membru għandu jkun jista' jiċħad talba għal aċċess parzjali. | (4) Id-Direttiva 2005/36/KE tapplika biss għal professjonisti li jixtiequ jwettqu l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor. Hemm każijiet fejn l-attivitajiet ikkonċernati jkunu parti minn professjoni b'ambitu ta' attivitajiet akbar fl-Istat Membru ospitanti. Jekk id-differenzi bejn l-oqsma ta' attività tant ikunu kbar li fil-verità jkun meħtieġ li l-professjonist jagħmel programm sħiħ ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jikkumpensa għan-nuqqasijiet u jekk il-professjonist jitlob dan, f'dawn iċ-ċirkustanzi partikolari Stat Membru ospitanti għandu jawtorizza aċċess parzjali. Madankollu, f'każ ta' raġunijiet prijoritarji ta' interess ġenerali ***li jinvolvu s-sikurezza tal-pazjent***, Stat Membru għandu jkun jista' jiċħad talba għal aċċess parzjali. ***L-aċċess parzjali ma għandux jingħata lil professjonijiet tas-saħħa li x-xogħol tagħhom għandu riperkussjonijiet fuq is-sikurezza tal-pazjent.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet tas-sikurezza tal-pazjenti, l-aċċess parzjali ma japplikax għal professjonijiet tas-saħħa. Il-proposta għal direttiva fil-kunsiderazzjoni hawnhekk xorta tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' taħriġ għal professjonisti koperti mill-proċedura ta' rikonoxximent awtomatiku. Aċċess parzjali għal dawn il-professjonijiet għalhekk jikkontradixxi s-sens tar-rikonoxximent awtomatiku.*

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-professjonijiet ta' infirmiera u qwiebel evolvew b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar | Il-professjonijiet ta' infirmiera u qwiebel evolvew b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar |

| | |
|---|---|
| tliet deċennji: kura tas-saħħa bbażata fuq il-komunità, l-użu ta' terapiji aktar kumplessi u żvilupp kostanti tat-teknoloġiji jippresupponu kapaċità għal responsabbiltajiet akbar għall-infirmiera u għall-qwiebel. Sabiex ikunu ppreparati biex jilħqu dawn il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa, l-istudenti fil-qasam tal-infermerija u fil-qasam tal-qwiebel ***irid ikollhom*** sfond edukattiv ġenerali solidu qabel ma jibdew it-taħriġ. ***Għaldaqstant, l-ammissjoni għal dak it-taħriġ għandu jiżdied għal tnax-il sena ta' edukazzjoni ġenerali jew suċċess f'eżami ta' livell ewkivalenti.*** | tliet deċennji: kura tas-saħħa bbażata fuq il-komunità, l-użu ta' terapiji aktar kumplessi u żvilupp kostanti tat-teknoloġiji jippresupponu kapaċità għal responsabbiltajiet akbar għall-infirmiera u għall-qwiebel. Sabiex ikunu ppreparati biex jilħqu dawn il-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa, l-istudenti fil-qasam tal-infermerija u fil-qasam tal-qwiebel ***għandu jkompli jkollhom*** sfond edukattiv ġenerali solidu qabel ma jibdew it-taħriġ. ***Il-fattur deċiżiv, madankollu, huwa l-kwalità u l-kontenut tat-taħriġ, li għandhom jiġu adattati kontinwament għall-isfidi ġodda li jaffaċċjaw dawn il-professjonijiet.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Die Richtlinie koordiniert die Mindestanforderungen an die Ausbildung. Durch die Kumulation von Jahren und Stunden in Artikel 31 Absatz 3 Unterabsatz 1 werden diese bereits – wie bei den Ärzten – verschärft. Wie bei den Ärzten, bei denen den unterschiedlichen Bildungssystemen in den Mitgliedstaaten durch Absenkung der Mindestausbildungsdauer in Jahren Rechnung getragen wird, ist es auch bei den Krankenschwestern und Pflegern, die für die allgemeine Pflege verantwortlich sind, notwendig, den unterschiedlichen Bildungssystemen in den Mitgliedstaaten Rechnung zu tragen und die Zulassungsvoraussetzung auf eine mindestens zehnjährige allgemeine Schulausbildung festzusetzen. Zudem kann den gestiegenen Anforderungen im Gesundheitswesen nicht durch eine längere Schulbildung, sondern durch eine verbesserte Ausbildung Rechnung getragen werden.*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Il-mobilità ta' professjonisti tas-saħħa għandha tiġi kkunsidrata wkoll fil-kuntest usa' tal-ħaddiema Ewropej fil-qasam tas-saħħa, li għandhom jiġu indirizzati permezz ta' strateġija speċifika fil-livell Ewropew u f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, sabiex jiġi garantit l-ogħla livell ta' protezzjoni għall-pazjenti u l-konsumaturi filwaqt li tinżamm is-sostenibilità finanzjarja u organizzattiva*** |

***tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali.***

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) Is-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali dupliċi huma element ewlieni għal rata baxxa ta' qgħad fost iż-żgħażagħ peress li huma mfassla skont ir-rekwiżiti tal-ekonomija u tas-suq tax-xogħol. Dan jiżgura tranżizzjoni bla intoppi bejn it-taħriġ u l-ħajja tax-xogħol. Jekk għandhom jinħolqu oqfsa ta' taħriġ komuni li għalihom diġà teżisti sistema ta' taħriġ dupliċi fi Stat Membru f'professjoni regolata, l-oqfsa ta' taħriġ komuni għandhom ikunu msejsa fuq dan l-approċċ konċettwali filwaqt li jżommu l-istandards li jeżistu fl-Istat Membru kkonċernat.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Id-Direttiva 2005/36/KE diġà tipprovdi għal obbligi ***ċari*** għall-professjonisti sabiex dawn ikollhom il-ħiliet lingwistiċi meħtieġa. Ir-reviżjoni ta' dak l-obbligu wriet ħtieġa li jiġi ċċarat ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti u l-impjegaturi, l-aktar fl-interess tas-sikurezza tal-pazjenti. ***Madankollu, il-kontrolli*** tal-lingwa ***għandhom ikunu raġonevoli u neċessarji għall-impjiegi inkwistjoni u*** ma għandhomx jikkostitwixxu raġunijiet ***għall-esklużjoni ta' professjonisti mis-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ta' oriġini.*** | (19) Id-Direttiva 2005/36/KE diġà tipprovdi għal obbligi għall-professjonisti sabiex dawn ikollhom il-ħiliet lingwistiċi meħtieġa. Ir-reviżjoni ta' dak l-obbligu wriet ħtieġa ***li jiġu definiti b'mod aktar preċiż dawn ir-rekwiżiti lingwistiċi u*** li jiġi ċċarat ir-rwol tal-awtoritajiet kompetenti u l-impjegaturi, l-aktar fl-interess tas-sikurezza tal-pazjenti. |

***Filwaqt li l-kontrolli*** tal-lingwa ma għandhomx jikkostitwixxu raġunijiet ***għar-rifjut tar-rikonoxximent ta' kwalifika professjonali, fil-każ ta' professjonijiet li għandhom implikazzjonijiet għall-pazjenti, pereżemju għas-sikurezza u t-trattament tal-pazjenti u l-provvista ta' servizzi u informazzjoni lill-pazjenti, huwa essenzjali li l-għarfien lingwistiku jiġi ttestjat qabel persuna tiġi awtorizzata li tipprattika. Hawnhekk, l-għarfien tal-lingwa jew lingwi uffiċjali taż-żona lingwistika fejn jixtieq jaħdem il-professjonist huwa conditio sine qua non. Il-livell C1 tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi għandu jittieħed bħala standard minimu għal dan il-għan.***

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Filwaqt li d-Direttiva diġà tipprovdi għal obbligi dettaljati għall-Istati Membri sabiex jiskambjaw informazzjoni, dawn l-obbligi għandhom jissaħħu. L-Istati Membri ma għandhomx biss jirreaġixxu għal talba għal informazzjoni, iżda anke jwissu lill-Istati Membri l-oħra b'mod proattiv. ***Din is-sistema ta' twissija għandha tkun simili għal dik tad-Direttiva 2006/123/KE. Madankollu, il-mekkaniżmu ta' twissija speċifiku huwa meħtieġ għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku taħt id-Direttiva 2005/36/KE. Dan għandu japplika wkoll għall-kirurgi veterinarji, sakemm, l-Istati Membri ma tawx bidu għall-mekkaniżmu ta' twissija previst fid-Direttiva 2006/123/KE.*** L-Istati Membri kollha għandhom jiġu mwissija jekk professjonist, ***minħabba*** azzjoni dixxiplinarja jew kundanna penali ma | Filwaqt li d-Direttiva diġà tipprovdi għal obbligi dettaljati għall-Istati Membri sabiex jiskambjaw informazzjoni, dawn l-obbligi għandhom jissaħħu. L-Istati Membri ma għandhomx biss jirreaġixxu għal talba għal informazzjoni, iżda anke jwissu lill-Istati Membri l-oħra b'mod proattiv. L-Istati Membri kollha għandhom jiġu mwissija jekk professjonist, ***wara*** azzjoni dixxiplinarja jew kundanna penali ***li tirrestringih totalment jew parzjalment milli jeżerċita l-professjoni tiegħu,*** ma jkunx għadu intitolat sabiex imur fi Stat Membru ieħor ***jew jekk hu jkun uża, jew ipprova juża, dokumenti foloz bħala bażi biex jitlob ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tiegħu.*** Din it-twissija għandha tiġi attivata permezz tal-IMI irrispettivament minn jekk il-professjonist eżerċitax kwalunkwe dritt skont id-Direttiva 2005/36/KE jew jekk applikax |

jkunx għadu intitolat sabiex imur fi Stat Membru ieħor. Din it-twissija għandha tiġi attivata permezz tal-IMI irrispettivament minn jekk il-professjonist eżerċitax kwalunkwe dritt skont id-Direttiva 2005/36/KE jew jekk applikax għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali permezz tal-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea jew permezz ta' kwalunkwe metodu ieħor previst f'din id-Direttiva. Il-proċedura ta' twissija għandha tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u ma' drittijiet fundamentali oħrajn.

għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali permezz tal-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea jew permezz ta' kwalunkwe metodu ieħor previst f'din id-Direttiva. Il-proċedura ta' twissija għandha tikkonforma mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta personali u ma' drittijiet fundamentali oħrajn.

*Ġustifikazzjoni*

*Il-formulazzjoni proposta mill-Kummissjoni tista' twassal sabiex il-mekkaniżmu ta' twissija jkun applikabbli biss għall-professjonijiet tas-saħħa li jaqgħu taħt ir-rikonoxximent awtomatiku. Minħabba raġunijiet ta' sikurezza tal-pazjenti ma għandux ikun hemm separazzjoni bejn il-professjonijiet tas-saħħa li jaqgħu taħt ir-rikonoxximent awtomatiku u l-professjonijiet mediċi li jaqgħu taħt il-proċedura ta' rikonoxximent ġenerali.*

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jiġu supplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2005/36/KE, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-aġġornar tal-Anness I, ***it-tfassil tal-kriterji għall-kalkolu tat-tariffi relatati mal-Karta Professjonali Ewropea, l-istabbiliment tad-dettalji tad-dokumentazzjoni meħtieġa għall-Karta Professjonali Ewropea,*** l-adattamenti tal-lista ta' attivitajiet stabbilita fl-Anness IV, ***l-adattamenti tal-punti 5.1.1 sa 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 tal-Anness V,*** il-kjarifika tal-għarfien u l-ħiliet ***għat-tobba, l-infirmera*** | Sabiex jiġu supplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2005/36/KE, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-aġġornar tal-Anness I, l-adattamenti tal-lista ta' attivitajiet stabbilita fl-Anness IV, il-kjarifika tal-għarfien u l-ħiliet ***għall-periti***, l-adattament tal-perjodi minimi ta' taħriġ għat-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni medika u t-taħriġ għad-dentisti, l-inklużjoni ta' speċjalitajiet mediċi ġodda fil-punt 5.1.3 tal-Anness V, l-emendi għal-lista stabbilita fil-punti 5.2.1, 5.3.1, 5.4.1, 5.5.1 u 5.6.1 tal-Anness V, l-inklużjoni ta' speċjalitajiet dentali ġodda |

***responsabbli mill-kura ġenerali, id-dentisti, il-kirurgi veterinarji, il-qwiebel, l-ispiżjara l-periti***, l-adattament tal-perjodi minimi ta' taħriġ għat-taħriġ ta' speċjalizzazzjoni medika u t-taħriġ għad-dentisti, l-inklużjoni ta' speċjalitajiet mediċi ġodda fil-punt 5.1.3 tal-Anness V, l-emendi għal-lista stabbilita fil-punti 5.2.1, 5.3.1, 5.4.1, 5.5.1 u 5.6.1 tal-Anness V, l-inklużjoni ta' speċjalitajiet dentali ġodda fil-punt 5.3.3 tal-Anness V, l-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' oqsfa ta' taħriġ komuni, l-ispeċifikazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' testijiet ta' taħriġ komuni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anki fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

fil-punt 5.3.3 tal-Anness V, l-ispeċifikazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' oqsfa ta' taħriġ komuni, l-ispeċifikazzjoni ta' kundizzjonijiet ta' applikazzjoni ta' testijiet ta' taħriġ komuni. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, anki fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE.*

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 1 – paragrafu 3 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Fl-Artikolu 1, qed jiżdied it-tielet paragrafu kif ġej:*** |
| | ***"Din id-Direttiva għandha tapplika bla ħsara għal miżuri meħtieġa sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur".*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3 – punt a – punt ii**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt -j (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-j) 'taħriġ dupliċi: il-provvista alternanti ta' ħiliet vokazzjonali f'żewġ kuntesti ta' tagħlim – l-ambjent tax-xogħol u l-iskola vokazzjonali – abbażi ta' standards koordinati edukattivi u ta' kwalità. It-terminu 'ħiliet vokazzjonali' jinftiehem li jfisser il-kapaċità u r-rieda li jintużaw għarfien, abilitajiet u ħiliet personali, soċjali u metodoloġiċi kemm f'sitwazzjonijiet tax-xogħol u wkoll bil-għan tal-iżvilupp professjonali u personali;*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3 – punt a – punt ii**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (j) 'taħriġ prattiku ***bi ħlas***': it-twettiq ta' attivitajiet b'superviżjoni ***u bi ħlas***, ***bil-għan ta'*** aċċess għal professjoni rregolata ***mogħtija abbażi ta' eżami***; | (j) 'taħriġ prattiku': it-twettiq ta' attivitajiet b'superviżjoni, ***biex jinkiseb*** aċċess għal professjoni rregolata ***skont dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi fi Stat Membru***; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kelma "bi ħlas" għandha titħassar, peress li l-individwi li għamlu taħriġ li jikkostitwixxi element essenzjali mit-taħriġ professjonali m'għandhomx jiġu żvantaġġati jekk it-taħriġ tagħhom ma jkunx imħallas. L-inklużjoni tal-kliem "skont id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi fi Stat Membru" jiċċaraw il-fatt li l-kundizzjonijiet għall-aċċess għal professjoni rregolata huma ddeterminati mill-Istat Membru.*

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 3 – punt a – punt ii**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (k) 'Karta Professjonali Ewropea': ċertifikat elettroniku maħruġ għall-professjonist ***li juri r-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħu għall-istabbiliment*** fi Stat Membru ospitanti jew ***li hu laħaq il-kundizzjonijiet meħtieġa kollha sabiex jipprovdi s-servizzi*** fi Stat Membru ospitanti fuq bażi temporanja jew okkażjonali; | (k) 'Karta Professjonali Ewropea': ċertifikat elettroniku maħruġ għall-professjonist ***mill-awtorità kompetenti biex jiddokumenta l-kwalifiki tiegħu meta jintalab dan għall-finijiet tal-istabbiliment*** fi Stat Membru ospitanti jew ***il-provvista ta' servizzi*** fi Stat Membru ospitanti fuq bażi temporanja jew okkażjonali; |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur ta' Karta Professjonali Ewropea jibbenefika mid-drittijiet kollha mogħtija mill-Artikoli 4b sa 4e, ***wara l-validazzjoni*** tal-Karta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***rilevanti*** kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-detentur ta' Karta Professjonali Ewropea jibbenefika mid-drittijiet kollha mogħtija mill-Artikoli 4b sa 4e, ***suġġetti għall-validazzjoni*** tal-Karta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ***ospitanti*** kif speċifikat fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu. |

*Ġustifikazzjoni*

*F'każ ta' professjonijiet b'implikazzjonijiet għas-sikurezza tal-pazjenti skont is-sistema ġenerali u awtomatika ta' rikonoxximent, l-Istati Membri ospitanti għandu jkollhom ir-responsabilità li jivvalidaw il-Karta Professjonali.*

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**

Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn id-detentur ta' kwalifika jkun beħsiebu jipprovdi servizzi taħt it-Titolu II għajr dawk koperti mill-Artikolu 7(4), il-Karta Professjonali Ewropea għandha tinħoloq u ***tiġi validata*** mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini skont l-Artikoli 4b u 4c. | 3. Fejn id-detentur ta' kwalifika jkun beħsiebu jipprovdi servizzi taħt it-Titolu II għajr dawk koperti mill-Artikolu 7(4) ***u għall-professjonisti tas-saħħa li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku skont id-Direttiva 2005/36/KE***, il-Karta Professjonali Ewropea għandha tinħoloq u ***tinħareġ*** mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini skont l-Artikoli 4b u 4c ***u tiġi vvalidata mill-Istat Membru ospitanti***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali jaqa' f'idejn l-Istat Membru ospitanti. F'każ ta' professjonijiet b'implikazzjonijiet għas-sikurezza tal-pazjenti skont is-sistema ġenerali u awtomatika ta' rikonoxximent, l-Istati Membri ospitanti għandu jkollhom ir-responsabilità li jivvalidaw il-karta.*

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ ta' Karti Professjonali Ewropej. Dawk l-awtoritajiet għandhom jiżguraw ipproċessar imparzjali, oġġettiv u tempestiv tal-applikazzjonijiet għal Karti Professjonali Ewropej. ***Iċ-Ċentri ta' Assistenza msemmija fl-Artikolu 57b jistgħu jaġixxu wkoll fil-kapaċità ta' awtorità kompetenti sabiex joħorġu Karta Professjonali Ewropea.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jgħarrfu liċ-ċittadini, inklużi lill-applikanti prospettivi, dwar il-vantaġġi | 5. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ ta' Karti Professjonali Ewropej. Dawk l-awtoritajiet għandhom jiżguraw ipproċessar imparzjali, oġġettiv u tempestiv tal-applikazzjonijiet għal Karti Professjonali Ewropej. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jgħarrfu liċ-ċittadini, inklużi lill-applikanti prospettivi, dwar il-vantaġġi ta' Karta Professjonali Ewropea fejn din tkun disponibbli. |

ta’ Karta Professjonali Ewropea fejn din tkun disponibbli.

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li għandha titħalla f’idejn l-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ ta’ karti professjonali abbażi tal-istrutturi eżistenti, ir-referenza għaċ-Ċentri ta’ Assistenza għandha titħassar.*

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4a – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jispeċifikaw*** il-Karti Professjonali Ewropej ***għal professjonijiet speċifiċi, li jistabbilixxu l-format tal-Karta Professjonali Ewropea, it-traduzzjonijiet meħtieġa sabiex jappoġġjaw kull applikazzjoni għall-ħruġ ta’ Karta Professjonali Ewropea u d-dettalji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, billi jittieħdu f’kunsiderazzjoni l-partikolaritajiet ta’ kull professjoni kkonċernata. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati*** skont il-proċedura ***ta' konsultazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 58. | 6. ***Jekk jiġu mitluba,*** il-Karti Professjonali Ewropej ***għandhom ikunu disponibbli għal professjonijiet magħżula li huma koperti mill-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni*** skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 58. |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4a – paragrafu 6a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Il-Kummissjoni tista’ tintroduċi Karta Professjonali Ewropea permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, skont il-proċedura ta’*** |

***eżami msemmija fl-Artikolu 58, sakemm ikun hemm mobilità suffiċjenti jew potenzjal għal mobilità suffiċjenti fil-professjoni kkonċernata, ikun hemm interess suffiċjenti mill-partijiet interessati kkonċernati, jew il-professjoni tkun irregolata f'numru suffiċjenti ta' Stati Membri.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proċedura ta' eżami għandha tintuża peress li qed jitqies li l-att ta' implimentazzjoni huwa relatat mal-'programmi b'implikazzjonijiet sostanzjali' skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament 182/2011.*

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4a – paragrafu 6b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiddeterminaw ukoll il-format tal-Karta Professjonali Ewropea, it-traduzzjonijiet meħtieġa sabiex jappoġġjaw kull applikazzjoni għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea u d-dettalji għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet, filwaqt li jqisu l-partikolaritajiet tal-professjoni kkonċernata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 58.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Kull tariffa li l-applikanti jistgħu jġarrbu fir-rigward tal-proċeduri amministrattivi għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati meta mqabbla mal-ispejjeż imġarrb mill-Istati Membri ta' oriġini u dawk ospitanti u ma għandhomx jaġixxu bħala disinċentiv għal min irid japplika għal Karta Professjonali Ewropea. ***Il-Kummissjoni għanda tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a fir-rigward tal-iffissar tal-kriterji għall-kalkolu u d-distribuzzjoni tat-tariffi.*** | 7. Kull tariffa li l-applikanti jistgħu jġarrbu fir-rigward tal-proċeduri amministrattivi għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea għandhom ikunu raġonevoli u proporzjonati meta mqabbla mal-ispejjeż imġarrb mill-Istati Membri ta' oriġini u dawk ospitanti u ma għandhomx jaġixxu bħala disinċentiv għal min irid japplika għal Karta Professjonali Ewropea. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kalkolu u d-distribuzzjoni tat-tariffi jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u għalhekk għandhom jitħassru.*

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li detentur ta' kwalifika professjonali jista' ***japplika*** għal Karta Professjonali Ewropea ***bi kwalunkwe mezz, anki permezz ta' għodda onlajn, mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini***. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li detentur ta' kwalifika professjonali jista' ***jressaq applikazzjoni*** għal Karta Professjonali Ewropea ***bil-miktub jew b'mod elettroniku, b'mod konformi mal-Artikolu 57***. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu appoġġjati mid-dokumentazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(2) u l-Anness VI, kif inhu xieraq. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a rigward l-istabbiliment tad-dettalji tad-dokumentazzjoni.*** | 2. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu appoġġjati mid-dokumentazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(2) u l-Anness VI, kif inhu xieraq. ***F'każijiet ta' dubju ġustifikabbli l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob id-dokumenti oriġinali.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-integrità, il-kunfidenzjalità u l-preċiżjoni tal-informazzjoni li tinstab fil-Karta Professjonali Ewropea u fil-fajl tal-IMI, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' Karta Professjonali Ewropea lid-detentur tagħha***, inkluża l-possibbiltà ta' tniżżil tagħha jew tas-sottomissjoni tal-aġġornamenti għall-fajl***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ***ta' konsultazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 58. | 4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-integrità, il-kunfidenzjalità u l-preċiżjoni tal-informazzjoni li tinstab fil-Karta Professjonali Ewropea u fil-fajl tal-IMI, il-kundizzjonijiet u l-proċeduri għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' Karta Professjonali Ewropea lid-detentur tagħha. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 58. |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern hija strument għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet. Partijiet terzi, bħal pereżempju l-applikanti, ma għandux ikollhom aċċess għall-IMI.*

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4c – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Karta Professjonali Ewropea għall-forniment temporanju ta' servizzi ħlief dawk koperti mill-Artikolu 7(4) | Karta Professjonali Ewropea għall-forniment temporanju ta' servizzi ħlief dawk koperti mill-Artikolu 7(4) ***u għal professjonisti tas-saħħa li jibbenefikaw minn rikonoxximent awtomatiku skont id-Direttiva 2005/36/KE***. |

*Ġustifikazzjoni*

*F'każ tal-professjonijiet tas-saħħa, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iżommu r-responabilità li jivvalidaw il-Karta Professjonali Ewropea.*

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tivverifika l-applikazzjoni***, toħloq u tivvalida Karta*** Professjonali Ewropea fi żmien ***ġimagħtejn*** mid-data li tirċievi applikazzjoni sħiħa. Għandha ***tgħarraf lill-applikant u lill-Istat Membru li fih l-applikant beħsiebu jipprovdi s-servizzi, dwar il-validazzjoni tal-Karta Professjonali Ewropea. It-trażmissjoni tal-informazzjoni ta' validazzjoni għall-Istati*** Membri ospitanti kkonċernati ***għandha tikkostitwixxi*** d-dikjarazzjoni speċifikata fl-Artikolu 7. L-Istat Membru ospitanti jista' ma jkunx jeħtieġ dikjarazzjoni oħra skont l-Artikolu 7 ***għas-sentejn*** ta' wara. | 1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tivverifika l-applikazzjoni***, u d-dokumentazzjoni ta' appoġġ, u għandha toħroġ il-Karta*** Professjonali Ewropea fi żmien ***xahar*** mid-data li tirċievi applikazzjoni sħiħa. Għandha, ***imbagħad, tgħaddi l-Karta Professjonali Ewropea immedjatament lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membru ospitanti kkonċernat u tinforma l-applikant dwar dan. L-Istati*** Membri ospitanti kkonċernati ***għandhom jikkostitwixxu*** d-dikjarazzjoni speċifikata fl-Artikolu 7. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(1),*** l-Istat Membru ospitanti jista' ma jkunx jeħtieġ dikjarazzjoni oħra skont l-Artikolu 7 ***għas-sena*** ta' wara. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4c – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. *Id-Deċiżjoni* tal-Istat Membru ***ta' oriġini***, jew in-nuqqas ta' Deċiżjoni fi żmien il-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom ikunu soġġetti għal appell skont il-liġi nazzjonali. | 2. *Id-deċiżjoni* tal-Istat Membru ***ospitanti***, jew in-nuqqas ta' deċiżjoni fi żmien erba' ġimgħat imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom ikunu soġġetti għal appell skont il-liġi nazzjonali. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali jaqa' f'idejn l-Istat Membru ospitanti. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu allokati żmien biżżejjed għall-verifika tad-dokumenti, hija meħtieġa estensjoni taż-żmien.*

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4c – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jekk detentur ta' Karta Professjonali Ewropea jixtieq jipprovdi servizzi fi Stati Membri li mhumiex dawk inizjalment mgħarrfa skont il-paragrafu 1 jew jixtieq ikompli jipprovdi s-servizzi wara l-perjodu ta' sentejn imsemmi fil-paragrafu 1, dan jista' jkompli juża l-Karta Professjonali Ewropea msemmija fil-paragrafu 1. F'dawk il-każijiet, id-detentur tal-Karta Professjonali Ewropea għandu jagħmel id-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 7. | 3. Jekk detentur ta' Karta Professjonali Ewropea jixtieq jipprovdi servizzi fi Stati Membri li mhumiex dawk inizjalment mgħarrfa skont il-paragrafu 1 jew jixtieq ikompli jipprovdi s-servizzi wara l-perjodu ta' sentejn imsemmi fil-paragrafu 1, dan jista' jkompli juża l-Karta Professjonali Ewropea msemmija fil-paragrafu 1. ***L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tittrażmetti l-Karta Professjonali Ewropea aġġornata lill-Istati Membri ospitanti kkonċernati***. F'dawk il-każijiet, id-detentur tal-Karta Professjonali Ewropea għandu jagħmel id-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 7. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun valida sakemm id-detentur jibqa' jkollu d-dritt li jipprattika fl-Istat Membru ta' oriġini fuq il-bażi tad-dokumenti u l-informazzjoni li tinstab fil-fajl tal-IMI. | 4. Il-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun valida sakemm id-detentur jibqa' jkollu d-dritt li jipprattika fl-Istat Membru ta' oriġini fuq il-bażi tad-dokumenti u l-informazzjoni li tinstab fil-fajl tal-IMI ***jew dment li d-detentur ma jkunx ġie pprojbit li jipprattika fi kwalunkwe Stat Membru***. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4d – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Karta Professjonali Ewropea għall-istabbiliment u għall-forniment temporanju tas-servizzi taħt *l-Artikolu 7 (4)* | Karta Professjonali Ewropea għall-istabbiliment u għall-forniment temporanju tas-servizzi taħt l-Artikolu 7(4) ***u għall-provvista temporanja ta' servizzi minn professjonisti fil-qasam tas-saħħa li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku skont it-Titolu III, Kapitolu III*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri ospitanti għandhom jiddeċiedu dwar il-ħruġ tal-Karta Professjonali Ewropea għat-twaqqif, il-provvista temporanja u okkażjonali ta' servizzi skont l-Artikolu 7(4) (professjonijiet regolati li għandhom implikazzjonijiet għas-saħħa jew is-sikurezza pubblika), u għall-provvista temporanja u okkażjonali ta' servizzi minn professjonisti tas-saħħa li jibbenefikaw mir-rikonoxximent awtomatiku skont it-Titolu III, Kapitolu III tad-Direttiva 2005/36/KE. Il-professjonisti tas-settur tas-saħħa huma fornituri ewlenin tal-kura tas-saħħa u jippreżentaw riskju għas-sikurezza pubblika; meta xi ħaga tmur ħażin fil-kura, dan ma jkollux impatt biss fuq il-pazjent migrant, iżda wkoll fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa tal-pajjiż ospitanti.*

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4d – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Fi żmien ***ġimgħatejn*** minn meta tirċievi applikazzjoni kompleta għal Karta Professjonali Ewropea, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tivverifika u tikkonferma l-awtenticità u l-validità tad-dokumenti ta' prova sottomessi, toħloq il-Karta Professjonali Ewropea, tittrażmettiha għall-validazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u tgħarraf lil dik l-awtorità dwar il-fajl korrispondenti tal-IMI. L-applikant għandu jiġi mgħarraf mill-Istat Membru ta' oriġini dwar l-istadju li tinsab fih il-proċedura. | 1. Fi żmien ***ħames ġimgħat*** minn meta tirċievi applikazzjoni kompleta għal Karta Professjonali Ewropea, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini għandha tivverifika u tikkonferma l-awtenticità u l-validità tad-dokumenti ta' prova sottomessi, toħloq il-Karta Professjonali Ewropea, tittrażmettiha għall-validazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u tgħarraf lil dik l-awtorità dwar il-fajl korrispondenti tal-IMI. L-applikant għandu jiġi mgħarraf mill-Istat Membru ta' oriġini dwar l-istadju li tinsab fih il-proċedura. |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16, 21 u 49a, Stat Membru ospitanti għandu jiddeċiedi dwar il-validazzjoni ta' Karta Professjonali Ewropea skont il-paragrafu 1 fi żmien ***xahar*** mid-data li fiha jirċievi l-Karta Professjonali Ewropea trażmessa mill-Istat Membru ta' oriġini. F'każ ta' dubji ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru ta' oriġini. Din it-talba ma għandhiex tissospendi t-terminu ta' ***xahar***. | 2. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 16, 21 u 49a, Stat Membru ospitanti għandu jiddeċiedi dwar il-validazzjoni ta' Karta Professjonali Ewropea skont il-paragrafu 1 fi żmien ***tmien ġimgħat*** mid-data li fiha jirċievi l-Karta Professjonali Ewropea trażmessa mill-Istat Membru ta' oriġini. F'każ ta' dubji ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru ta' oriġini. Din it-talba ma għandhiex tissospendi t-terminu ta' ***tmien ġimgħat***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali jaqa' f'idejn l-Istat Membru ospitanti. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu allokati żmien biżżejjed għall-verifika tad-dokumenti, hija meħtieġa estensjoni taż-żmien.*

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4d – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 7(4) u 14, Stat Membru ospitanti għandu jiddeċiedi dwar jekk jirrikonoxxix il-kwalifiki tad-detentur jew jekk dan għandux jiġi soġġett għal miżuri ta' kumpens fi żmien ***xahrejn*** mid-data ta' riċevuta ***għal validazzjoni*** tal-Karta Professjonali Ewropea trażmessa mill-Istat Membru ta' oriġini. F'każ ta' dubji ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru ta' oriġini. Dik it-talba ma għandhiex tissospendi t-terminu ta' ***xahrejn***. | 3. Fil-każijiet imsemmija fl-Artikoli 7(4) u 14, Stat Membru ospitanti għandu jiddeċiedi dwar jekk jirrikonoxxix il-kwalifiki tad-detentur jew jekk dan għandux jiġi soġġett għal miżuri ta' kumpens fi żmien ***tnax-il ġimgħa*** mid-data ta' riċevuta tal-Karta Professjonali Ewropea trażmessa mill-Istat Membru tad-domiċilju. F'każ ta' dubji ġustifikati, l-Istat Membru ospitanti jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mill-Istat Membru ta' oriġini. Dik it-talba ma għandhiex tissospendi t-terminu ta' ***tnax-il ġimgħa***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali jaqa' f'idejn l-Istat Membru ospitanti. Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jiġu allokati żmien biżżejjed għall-verifika tad-dokumenti, hija meħtieġa estensjoni taż-żmien.*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4d – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fejn l-Istat Membru ospitanti jonqos milli jieħu *Deċiżjoni* ***fil-limiti ta' żmien*** | 5. Fejn l-Istat Membru ospitanti jonqos milli jieħu *deċiżjoni* fi żmien ***tliet xhur*** |

| | |
|---|---|
| ***stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 jew milli jitlob informazzjoni addizzjonali*** fi żmien ***xahar*** mid-data li fiha jirċievi l-Karta Professjonali Ewropea mill-Istat Membru ta' oriġini, il-Karta Professjonali Ewropea għandha titqies li hija validata mill-Istat Membru ospitanti u li tikkostitwixxi rikonoxximent tal-kwalifika professjonali għall-professjoni rregolata kkonċernata fl-Istat Membru ospitanti. | mid-data li fiha jirċievi l-Karta Professjonali Ewropea mill-Istat Membru ta' oriġini, il-Karta Professjonali Ewropea għandha titqies li hija validata ***b'mod temporanju*** mill-Istat Membru ospitanti u li tikkostitwixxi rikonoxximent tal-kwalifika professjonali għall-professjoni rregolata kkonċernata fl-Istat Membru ospitanti. ***Il-proposta biex tinkiseb aktar informazzjoni għandha tipproroga l-perjodu ta' approvazzjoni ta' tliet xhur b'massimu ta' xahrejn.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4d – paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, l-ewwel klawsola, m'għandhomx japplikaw għal professjonisti tas-saħħa li x-xogħol tagħhom għandu implikazzjonijiet għas-sikurezza tal-pazjenti.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Aċċess għall-informazzjoni fil-fajl tal-IMI għandha tkun limitata għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' oriġini u ta' dak ospitanti ***u għad-detentur tal-Karta Professjonali Ewropea*** skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(**) | 2. Aċċess għall-informazzjoni fil-fajl tal-IMI għandha tkun limitata għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u ta' dak ospitanti skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(**). |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern hija strument għall-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet. Partijiet terzi, bħal pereżempju l-applikanti, ma għandux ikollhom aċċess għall-IMI.*

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-informazzjoni inkluża fil-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċertat id-dritt tad-detentur li jeżerċita l-professjoni li nħarġet għaliha, b'mod partikolari, l-isem, il-kunjom, id-data u l-post tat-twelid, ***il-professjoni***, is-sistema applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti involuti, in-numru tal-karta, il-karatteristiċi marbuta mas-sigurtà u r-referenza għal prova valida ta' identità. | 4. L-informazzjoni inkluża fil-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċertat id-dritt tad-detentur li jeżerċita l-professjoni li nħarġet għaliha, b'mod partikolari, l-isem, il-kunjom, id-data u l-post tat-twelid, ***it-tip ta' kwalifika u l-professjoni, in-nazzjonalità fil-punt tar-reġistrazzjoni, l-istatus attwali ta' reġistrazzjoni***, is-sistema applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti involuti, in-numru tal-karta, il-karatteristiċi marbuta mas-sigurtà u r-referenza għal prova valida ta' identità. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-informazzjoni inkluża fil-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċertat id-dritt tad-detentur li jeżerċita l-professjoni li nħarġet għaliha, b'mod partikolari, l-isem, il-kunjom, id-data u l-post tat-twelid, ***il-professjoni***, is-sistema | 4. L-informazzjoni inkluża fil-Karta Professjonali Ewropea għandha tkun limitata għall-informazzjoni meħtieġa biex jiġi aċċertat id-dritt tad-detentur li jeżerċita l-professjoni li nħarġet għaliha, b'mod partikolari, l-isem, il-kunjom, id-data u l-post tat-twelid, ***it-titolu professjonali, il-*** |

| | |
|---|---|
| applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti involuti, in-numru tal-karta, il-karatteristiċi marbuta mas-sigurtà u r-referenza għal prova valida ta' identità. | ***prova dwar il-kwalifiki formali, il-prova tal-esperjenza professjonali,*** is-sistema applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti involuti, in-numru tal-karta, il-karatteristiċi marbuta mas-sigurtà u r-referenza għal prova valida ta' identità. |

*Ġustifikazzjoni*

*Fir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali t-taħriġ u l-esperjenza professjonali huma fatturi deċiżivi. Għalhekk, l-informazzjoni dwar it-taħriġ u l-esperjenza professjonali għandha tkun informazzjoni obbligatorja. Id-direttiva tindirizza r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, mhux tal-professjonijiet per se, u konsegwentement il-Karta Professjonali għandha turi li d-detentur ikollu t-titolu professjonali li jagħti aċċess għall-professjoni inkwistjoni.*

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4e – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li l-impjegaturi, il-klijenti, il-pazjenti u partijiet interessati oħrajn jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità ta' Karta Professjonali Ewropea ppreżentata lilhom mid-detentur tal-karta. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-fajl tal-IMI, il-mezzi tekniċi u l-proċeduri għall-verifika msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ***konsultazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 58. | 7. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li l-impjegaturi, il-klijenti, il-pazjenti u partijiet interessati oħrajn jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità ta' Karta Professjonali Ewropea ppreżentata lilhom mid-detentur tal-karta. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-fajl tal-IMI, il-mezzi tekniċi u l-proċeduri għall-verifika msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu 58. |

*Ġustifikazzjoni*

*Atti legali b'kamp ta' applikazzjoni ġenerali għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami, kif jipprovdi r-Regolament (UE) Nru 182/2011. Din il-proċedura tiżgura li l-Kummissjoni ma tkun tista' tadotta l-ebda atti ta' implimentazzjoni li ma jkunx konsistenti mal-opinjoni tal-kumitat. Għalhekk, il-proċedura ta' eżami fil-każ attwali tidher bħala l-aktar proċedura xierqa.*

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4e - paragrafu 7 - subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li l-impjegaturi, il-klijenti, il-pazjenti u partijiet interessati oħrajn jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità ta' Karta Professjonali Ewropea ppreżentata lilhom mid-detentur tal-karta. | 7. Mingħajr ħsara għall-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri ***ospitanti*** għandhom jispeċifikaw li l-impjegaturi, il-klijenti, il-pazjenti u partijiet interessati oħrajn jistgħu jivverifikaw l-awtentiċità u l-validità ta' Karta Professjonali Ewropea ppreżentata lilhom mid-detentur tal-karta. |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 4f – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) il-professjonist ikun ikkwalifikat bis-sħiħ li jeżerċita fl-Istat Membru ta' oriġini l-attività professjonali li jista' jingħata aċċess parzjali għaliha fl-Istat Membru ospitanti;*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 5**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 4f – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Aċċess parzjali jista' ma jingħatax jekk ċaħda bħal din tkun ġustifikata minn ***raġuni prijoritarja*** ta' interess ġenerali**,** | 2. ***L-Istati Membri jistgħu jagħtu aċċess parzjali fuq bażi ta' każ b'każ lil professjonisti tas-saħħa li x-xogħol*** |

| | |
|---|---|
| ***bħas-saħħa*** pubblika***, tkun tiggarantixxi l-kisba tal-objettiv mixtieq u ma tkunx tmur lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju***. | ***tagħhom għandu implikazzjonijiet għas-sikurezza tal-pazjenti.*** Aċċess parzjali jista' ma jingħatax jekk ċaħda bħal din tkun ġustifikata minn ***raġunijiet*** ta' interess ġenerali ***li jissalvagwardjaw is-saħħa*** pubblika; |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 7 – punt a – punt ii**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) fil-każ ta' prova tal-kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 21 (1) u fil-każ ta' ċertifikati ta' drittijiet miksuba msemmija fl-Artikoli 23, 26, 27, 30, 33, 33a, 37, 39, u 43, provi li jikkonfermaw għarfien suffiċjenti tal-lingwa tal-Istat Membru ospitanti. | (f) ***għal professjonijiet b'implikazzjonijiet fuq is-sikurezza tal-pazjenti,*** fil-każ ta' prova tal-kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 21 (1) u fil-każ ta' ċertifikati ta' drittijiet miksuba msemmija fl-Artikoli 23, 26, 27, 30, 33, 33a, 37, 39, u 43, provi li jikkonfermaw għarfien suffiċjenti tal-lingwa ***jew lingwi uffiċjali tal-qasam lingwistiku*** tal-Istat Membru ospitanti ***fejn il-professjonist jixtieq jaħdem***. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 9 – sottopunt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 11 – punt c – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) l-edukazzjoni u t-taħriġ irregolati jew, fil-każ ta' professjonijiet irregolati, taħriġ vokazzjonali bi struttura speċjali, b'kompetenzi li jmorru lil hinn minn dak li huwa speċifikat fil-livell b, ekwivalenti għal-livell ta' taħriġ speċifikat fil-punt (i), jekk dan it-taħriġ jipprovdi standard professjonali komparabbli u jipprepara lill-apprentist għal livell komparabbli ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet, dejjem*** | ***imħassar*** |

***jekk id-diploma tkun akkumpanjata minn ċertifikat mill-Istat Membru ta' oriġini;***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 11(c)(ii) tad-Direttiva 2005/36/KE jinkludi referenza għall-Anness II, li tkopri professjonijiet tas-saħħa bħal pereżempju fiżjoterapisti u speech therapists. L-Artikolu 11(c)(ii) għandu jibqa' applikabbli fil-verżjoni attwali tiegħu.*

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 9 – punt d**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 11 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) It-tieni paragrafu huwa mħassar.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-possibilità għall-adattament tal-lista fl-Anness II għandha tinżamm.*

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 9 – sottopunt da (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) Il-paragrafu li ġej huwa miżjud:*** |
| | ***"2a. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 58a għall-adattament tal-lista fl-Anness II sabiex jiġu kkunsidrati korsijiet ta' taħriġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1(c)(ii)."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-possibilità għall-adattament tal-lista fl-Anness II għandha tinżamm.*

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 11**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 13 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fil-każ ta' attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jew ċertifikat li jiċċertifika edukazzjoni u taħriġ irregolati jew taħriġ vokazzjonali bi struttura speċjali ekwivalenti għal-livell speċifikat ***fl-Artikolu 11(c)(i)***, l-Istat Membru ospitanti għandu jaċċetta l-livell attestat jew ċertifikat mill-Istat Membru ta' oriġini. | 3. Fil-każ ta' attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jew ċertifikat li jiċċertifika edukazzjoni u taħriġ irregolati jew taħriġ vokazzjonali bi struttura speċjali ekwivalenti għal-livell speċifikat ***fl-Artikolu 11(c)***, l-Istat Membru ospitanti għandu jaċċetta l-livell attestat jew ċertifikat mill-Istat Membru ta' oriġini. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-punt (ii) tal-Artikolu 11(c) jirreferi għall-Anness II tad-Direttiva li tkopri kemm professjonijiet tas-saħħa kif ukoll professjonijiet relatati mas-saħħa. Għal raġunijiet ta' mobilità, il-kwalifiki formali ċertifikati mill-Istat Membru ta' domiċilju għandhom jiġu rikonoxxuti għal dawn il-forom ta' taħriġ bi struttura speċjali wkoll.*

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 11**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 13 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jista' jiċħad aċċess għal u t-twettiq tal-professjoni lil detenturi ta' attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza fejn il-kwalifika nazzjonali meħtieġa għat-twettiq tal-professjoni fit-territorju ta' dak l-Istat Membru tkun klassifikata fil-punti (d) jew (e) tal-Artikolu 11.". | 4. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jista' jiċħad aċċess għal u t-twettiq tal-professjoni lil detenturi ta' attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza fejn il-kwalifika nazzjonali meħtieġa għat-twettiq tal-professjoni fit-territorju ta' dak l-Istat Membru tkun klassifikata fil-punti ***(c),*** (d) jew (e) tal-Artikolu 11." |

*Ġustifikazzjoni*

*Durch die von der Kommission vorgeschlagene Regelung wird ein Durchstieg von Niveaustufe 1 auf Niveaustufe 3 ermöglicht. Jedoch ist Niveaustufe 3 – ebenso wie die Niveaustufen 4 und 5, bei denen kein Durchstieg von Niveaustufe 1 möglich ist – eine postsekundäre Ausbildung. Daneben können die Mitgliedstaaten nach der von der Kommission vorgeschlagenen Regelung einen Durchstieg von Niveaustufe 3 auf Niveaustufe 4 versagen. Dies könnte in der Folge zu einer Mobilitätseinschränkung für die Gesundheitshandwerke wie Augenoptiker oder Hörgeräteakustiker führen, da diese Berufe in den Mitgliedstaaten unterschiedlich in Niveau 3 oder in Niveau 4 angesiedelt sind. Durch eine Aufnahme von Buchstabe c wird dieser Mobilitätsbarriere entgegen gewirkt.*

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 15a (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 21 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Fl-Artikolu 21, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"4a. L-Istati Membri mhumiex obbligati li jaċċettaw prova ta' kwalifiki formali skont l-Anness V, punt 5.6.2 fir-rigward tal-istabbiliment ta' spiżeriji pubbliċi ġodda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, spiżeriji li jkunu ilhom miftuħa għal anqas minn tliet snin għandhom jitqiesu bħala spiżeriji ġodda."*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Aus der vielfach von der Kommission angeführten Rechtsprechung des EuGH ergibt sich keine Notwendigkeit, die sogenannte „3-Jahresklausel" zu streichen. Der EuGH hat in seiner ständigen Rechtsprechung keine Zweifel an der Rechtmäßigkeit der Regelung geäußert, sondern vielmehr darauf hingewiesen, dass die Mitgliedstaaten befugt sind, grundlegende Entscheidungen zur Organisation ihres Apothekenwesens in eigener Verantwortung zu treffen. Die Vorschrift ist im Vergleich zu denkbaren Ersatzregelungen auch weniger einschränkend, da sie auf Eignungsprüfungen oder Zugangskriterien wie Berufserfahrung verzichtet und so den Weg in die Selbständigkeit (durch Übernahme einer bestehenden Apotheke) relativ einfach und ohne zusätzliche Hürde eröffnet.*

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 15a (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 21 – paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Fl-Artikolu 21, jiżdied il-paragrafu li ġej:*** |
| | ***"7a. L-Istati Membri jistgħu jirrikjedu li l-professjonisti li għandhom provi tal-kwalifiki formali elenkati fl-Anness V, punti 5.1.1, 5.1.2, 5.1.4, 5.2.2, 5.3.2, 5.3.3, 5.4.2, 5.5.2, 5.6.2 u 5.7.1 għandhom jibbenefikaw biss mid-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1 jekk ikunu kkwalifikaw fit-tliet snin preċedenti jew jekk jistgħu juru permezz ta' attestazzjoni minn awtorità kompetenti jew organizzazzjoni rilevanti oħra, li kienu impenjati effettivament u legalment fl-attivitajiet inkwistjoni għal tal-inqas tliet snin konsekuttivi fil-ħames snin qabel id-data tal-ħruġ tal-attestazzjoni. Fejn din ma tiġix provduta, l-Istati Membri jistgħu jivvalutaw il-kwalifika ta' professjonist skont id-dispożizzjonijiet deskritti fit-Titolu III, Kapitolu I jew jagħtu aċċess limitat għall-professjoni skont il-liġi nazzjonali.".*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-preżent, l-awtoritajiet kompetenti jridu jirrikonoxxu b'mod awtomatiku l-professjoni, u jagħtu aċċess għaliha, lill-professjonisti li jista' jkun li ma pprattikawx għal diversi snin minn meta kkwalifikaw. Id-Direttiva għandha tagħmilha posibbli li l-awtoritajiet kompetenti li jorbtu r-rikonoxximent awtomatiku ma' rekwiżit li jagħtu prova ta' esperjenza professjonali reċenti u relevanti. Jekk dan ma jkunx sodisfatt, l-applikazzjoni tal-professjonisti tista' tiġi kkunsidrata skont is-sistema ġenerali.*

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 17**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 22 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu, minn [daħħal id-data - il-jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3] u kull ħames snin wara din id-data, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti disponibbli pubblikament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-proċeduri ta' tkomplija tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom relatati mat-tobba, l-ispeċjalisti mediċi, l-infirmiera responsabbli mill-kura ġenerali, id-dentisti, id-dentisti speċjalizzati, il-kirurgi veterinarji, il-qwiebel u l-ispiżjara. | Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel paragrafu, minn [daħħal id-data - il-jum wara d-data stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 3] u kull ħames snin wara din id-data, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jissottomettu rapporti disponibbli pubblikament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar il-proċeduri ta' tkomplija tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom relatati mat-tobba, l-ispeċjalisti mediċi, l-infirmiera responsabbli mill-kura ġenerali, id-dentisti, id-dentisti speċjalizzati, il-kirurgi veterinarji, il-qwiebel u l-ispiżjara. ***(c) L-Istati Membri għandu jkollhom sistema fis-seħħ li tiżgura li l-professjonisti tal-qasam tas-saħħa jaġġornaw regolarment il-kompetenzi tagħhom permezz ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 18 – sottopunt a**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 24 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. It-taħriġ mediku bażiku għandu jinkludi total ta' tal-inqas ***ħames*** snin ta' studju, li jistgħu jingħataw ***anki f'termini*** ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, u għandu jikkonsisti f'tal-inqas 5500 siegħa ta' taħriġ teoretiku u prattiku pprovdut minn, jew inkella taħt is-superviżjoni ta' ***università***. | 2. It-taħriġ mediku bażiku għandu jinkludi total ta' tal-inqas ***sitt*** snin ta' studju ***(***li ***jistgħu*** jingħataw***, minbarra dan, permezz ta' termini*** ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti***)***, u għandu jikkonsisti f'tal-inqas 5500 siegħa ta' taħriġ teoretiku ***effettiv f'università*** u ***taħriġ*** prattiku pprovdut minn, jew inkella taħt is-superviżjoni ta' ***sptar universitarju jew mhux universitarju***. ***Il-minimu ta' 5500 siegħa ta' taħriġ effettiv m'għandu jinkludi ebda komponent bħal studju privat, eżamijiet jew il-kitba ta' teżi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-tqassir tat-taħriġ mediku bażiku jipperikola serjament il-kwalità ta' dak it-taħriġ. Fil-preżent, il-maġġoranza vasta tal-Istati Membri għandhom taħriġ mediku bażiku li jikkonsisti f'tal-inqas sitt snin studju. Il-bidla ta' dan għal ħames snin tista' tagħti bidu għal ġirja lejn l-iktar livell baxx, li ma hu mixtieq xejn. Huwa possibbli li t-taħriġ teoretiku jiġi provdut f'università, filwaqt li t-taħriġ prattiku huwa possibbli kemm f'università u wkoll fi sptarijiet mhux universitarji.*

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 18 – sottopunt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 24 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a sabiex tispeċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-adegwatezza tal-għarfien tax-xjenzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-kompetenzi meħtieġa li dan l-għarfien għandu jinkorpora;*** | |
| ***(b) il-grad ta' suffiċjenza ta' fehim tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa għal dan il-fehim b'konformità mal-progress xjentifiku u l-iżviluppi fl-edukazzjoni fl-Istati Membri*** | |
| ***(c) l-adegwatezza tal-għarfien ta' dixxiplini u l-prattiki kliniċi, kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa li għandhom jirriżultaw minn dan l-għarfien fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku*** | |
| ***(d) l-idoneità tal-esperjenza klinika msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa li għandhom jirriżultaw minn tali esperjenza fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku kif ukoll l-iżviluppi fl-edukazzjoni fl-Istati Membri*** | |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE. Għalkemm fil-preżent ma jeżisti l-ebda programm minimu ta' taħriġ għat-tobba bħala bażi għal rikonoxximent awtomatiku ta' kwalifiki, estensjoni tas-setgħat tal-Kummissjoni kif inhu propost hawnhekk ma tistax tiġi ġustifikata u tmur saħansitra lil hinn minn dak li hu meħtieġ għal programm ta' taħriġ minimu.*

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 19 – sottopunt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 25 – paragrafu 3a – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3a. Fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu eżenzjonijiet parzjali minn partijiet tat-taħriġ mediku ta' speċjalizzazzjoni, jekk dik il-parti tkun diġà ġiet segwita matul it-tlestija ta' programm ta' taħriġ ta' speċjalizzazzjoni ieħor li huwa elenkat fil-punt 5.1.3 tal-Anness V u dejjem jekk il-kwalifika ta' speċjalizzazzjoni preċedenti diġà tkun inkisbet mill-professjonist f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżenzjoni mogħtija mhijiex ta' aktar minn terz mit-tul ta' żmien minimu ta' korsijiet ta' taħriġ mediku speċjalizzat kif imsemmi fil-punt 5.1.3 tal-Anness V. | 3a. Fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu eżenzjonijiet parzjali minn partijiet tat-taħriġ mediku ta' speċjalizzazzjoni, ***li għandhom jiġu applikati fuq bażi ta' każ b'każ,*** jekk dik il-parti tkun diġà ġiet segwita matul it-tlestija ta' programm ta' taħriġ ta' speċjalizzazzjoni ieħor li huwa elenkat fil-punt 5.1.3 tal-Anness V u dejjem jekk il-kwalifika ta' speċjalizzazzjoni preċedenti diġà tkun inkisbet mill-professjonist f'dak l-Istat Membru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżenzjoni mogħtija mhijiex ta' aktar minn terz mit-tul ta' żmien minimu ta' korsijiet ta' taħriġ mediku speċjalizzat kif imsemmi fil-punt 5.1.3 tal-Anness V. |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 22 – sottopunt a**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 31 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-ammissjoni għat-taħriġ għal infermiera responsabbli mill-kura ġenerali | 1. L-ammissjoni għat-taħriġ għal infermiera responsabbli mill-kura ġenerali |

għandha tkun kontinġenti mat-tlestija tal-edukazzjoni ġenerali ta' ***12 -il sena***, kif għandu jkun muri minn diploma, ċertifikat jew prova oħra maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-korpi fi Stat Membru jew minn ċertifikat li jikkonferma s-suċċess f'eżami, ta' livell ekwivalenti, għall-ammissjoni fi skola għall-infermiera.

***skont il-paragrafu 3,*** għandha tkun kontinġenti ***ma' età minima ta' 16 u*** mat-tlestija tal-edukazzjoni ġenerali ta' ***mill-inqas 10 snin***, kif għandu jkun muri minn diploma, ċertifikat jew prova oħra maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-korpi fi Stat Membru jew minn ċertifikat li jikkonferma s-suċċess f'eżami, ta' livell ekwivalenti, għall-ammissjoni fi skola għall-infermiera. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu perjodu ta' edukazzjoni ġenerali itwal bħala kriterju għall-ammissjoni għat-taħriġ.***

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 22 – sottopunt d**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 31 – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a sabiex tispeċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-adegwatezza tal-għarfien tax-xjenzi dwar l-infermerija ġenerali, kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 6, b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku kif ukoll il-kompetenzi meħtieġa li dan l-għarfien ikun jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni;*** | |
| ***(b) il-grad ta' suffiċjenza ta' fehim tal-elementi msemmija fil-paragrafu 6a u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn dan il-fehim b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni;*** | |
| ***(c) il-grad ta' suffiċjenza ta' għarfien dwar l-elementi msemmija fil-paragrafu 6b u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn dan l-għarfien b'konformità mal-*** | |

***progress xjentifiku u l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni;***

***(d) l-adegwatezza tal-esperjenza klinika msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 6 u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn din l-esperjenza klinika adegwata b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE.*

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 23 – punt aa (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 33 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) Il-paragrafu 2 jitħassar;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-infirmiera kollha fil-Polonja, ikun xi jkun it-taħriġ tagħhom fis-sistema edukattiva attwali jew preċedenti, għandhom l-istess kompetenzi. Skont id-dispożizzjonijiet legali Pollakki l-infirmiera għandhom l-obbligu li jaġġornaw kontinwament l-għarfien u l-ħiliet professjonali tagħhom. Il-kwalifiki tal-infermiera Pollakki li ġew akkwistati qabel l-adeżjoni tal-Polonja fl-UE, għalhekk, għandhom ikunu rikonoxxuti abbażi tal-prinċipju tad-drittijiet akkwistati, kif iddikjarat fl-Artikolu 23 tad-direttiva. Għalhekk, l-Artikolu 33, paragrafu 2 għandu jiġi revokat.*

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 23 – punt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 33 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu | 3. L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu |

provi ta’ kwalifiki formali ta’ infirmiera mogħtija fil-Polonja, lil infirmiera li lestew it-taħriġ qabel l-1 ta’ Mejju 2004, li ma kkonformawx mar-rekwiżiti minimi ta’ taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31, attestati mid-diploma ta’ ‘baċċelerat’ li nkisbet fuq il-bażi ta’ programm speċjali ta’ titjib li jinstab fl-Artikolu 11 tal-Att tal-20 ta’ April 2004 dwar l-emenda tal-Att dwar il-professjonijiet ta’ infirmiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħrajn (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta’ April 2004 Nru 92, pos. 885), u r-Regolament tal-Ministeru tas-Saħħa ***tat-12 ta’ April 2010 li jemenda*** r-Regolament tal-Ministeru tas-Saħħa ***tal-11 ta’ Mejju 2004*** dwar il-kundizzjonijiet dettaljati tal-għoti ta’ ***studji*** għal infirmiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta’ skola sekondarja (eżami finali — imsejjaħ “matura”) u li ggradwaw minn ***liċeo mediku u skejjel vokazzjonali tal-mediċina*** li jgħallmu dwar il-professjoni ta’ infirmiera u qwiebel (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja ***tal-21 ta’ April 2010, Nru 65, pos. 420***), bil-għan li jiġi verifikat li l-persuna kkonċernata għandha livell ta’ għarfien u kompetenza komparabbli għal dak tal-infirmiera li għandhom kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, huma definiti ***fil-punt 5.2.2***. ***tal-Anness V***.

provi ta’ kwalifiki formali ta’ infirmiera mogħtija fil-Polonja, lil infirmiera li lestew it-taħriġ qabel l-1 ta’ Mejju 2004, li ma kkonformawx mar-rekwiżiti minimi ta’ taħriġ stabbiliti fl-Artikolu 31, attestati mid-diploma ta’ ‘baċċelerat’ li nkisbet fuq il-bażi ta’ programm speċjali ta’ titjib li jinstab fl-Artikolu 11 tal-Att tal-20 ta’ April 2004 dwar l-emenda tal-Att dwar il-professjonijiet ta’ infirmiera u qwiebel u dwar xi atti legali oħrajn (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-30 ta’ April 2004 Nru 92, pos. 885), u r-Regolament tal-Ministeru tas-Saħħa ***tal-11 ta’ Mejju 2004 dwar il-kundizzjonijiet dettaljati tal-provvista ta’ studji għall-infirmiera u l-qwiebel, li għandhom ċertifikat ta’ skola sekondarja (eżami finali — imsejjaħ “matura”) u li ggradwaw minn liċeo mediku u skejjel vokazzjonali tal-mediċina li jgħallmu l-professjoni ta’ infirmiera u qwiebel (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-13 ta’ Mejju 2004, Nru 110, pos. 1170 b’aktar emendi), sostitwit mill-Artikolu 55(2) tal-Att tal-15 ta’ Lulju 2011 dwar il-professjonijiet ta’ infirmiera u qwiebel (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja tat-23 ta’ Awwissu 2011, Nru 174, pos. 1039), u*** r-Regolament tal-Ministru tas-Saħħa ***tal-14 ta’ Ġunju 2012*** dwar il-kundizzjonijiet dettaljati tal-għoti ta’ ***korsijiet ta’ edukazzjoni ogħla*** għal infirmiera u qwiebel, li għandhom ċertifikat ta’ skola sekondarja (eżami finali — imsejjaħ “matura”) u li ggradwaw minn ***skola sekondarja medika jew post-sekondarja*** li jgħallmu dwar il-professjoni ta’ infirmiera u qwiebel (il-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Polonja ***tas-6 ta’ Lulju 2012, pos. 770***), bil-għan li jiġi verifikat li l-persuna kkonċernata għandha livell ta’ għarfien u kompetenza komparabbli għal dak tal-infirmiera li għandhom kwalifiki li, fil-każ tal-Polonja, huma definiti ***fl-Anness V***, ***punt 5.2.2***.

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 24 – punt a**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 34 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-taħriġ dentali bażiku għandu ***jinkludi*** total ta' mill-inqas ħames snin ta' studju full-time teoretiku u prattiku, li jista' jingħata wkoll f'termini ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, li tal-inqas jinvolvi l-programm spjegat fl-Anness V, punt 5.3.1 u pprovdut f'università, f'istitut ogħla li jipprovdi taħriġ rikonoxxut bħala ta' livell ekwivalenti jew taħt is-superviżjoni ta' università. | It-taħriġ dentali bażiku għandu ***jdum*** total ta' mill-inqas ħames snin ***u jinkludi tal-inqas 5000 siegħa*** ta' studju full-time teoretiku u prattiku, li jista' jingħata wkoll ***bħala kriterju addizzjonali*** f'termini ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, ***fuq il-bażi li sena akkademika tikkorrispondi għal 60 kreditu ta' taħriġ,*** li tal-inqas jinvolvi l-programm spjegat fl-Anness V, punt 5.3.1 u pprovdut f'università, f'istitut ogħla li jipprovdi taħriġ rikonoxxut bħala ta' livell ekwivalenti jew taħt is-superviżjoni ta' università. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet tal-assigurazzjoni tal-kwalità fit-taħriġ dentali bażiku t-tul ta' snin għandu jiġi supplimentat bin-numru minimu ta' sigħat. B'dan il-mod, ikunu jistgħu jiġu eskluż l-korsijiet ta' studju li jsiru b'mod irregolari jew fi tmiem il-ġimgħa. L-għoti ta' krediti tal-ECTS huma differenti ferm fl-Ewropa. Għalhekk, l-informazzjoni f'ECTS ma għandhiex tissostitwixxi l-kriterji l-oħra, iżda tingħata pjuttost addizzjonalment.*

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 24 – punt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 34 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a sabiex tispeċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-adegwatezza tal-għarfien tax-xjenza u d-dentistrija u l-grad ta' fehim tal-*** | |

***metodi xjentifiċi, kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn dan il-grad ta' għarfien u l-fehim konformi mal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni;***

***(b) l-adegwatezza tal-fehim tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn dan il-grad ta' għarfien b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku u l-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni;***

***(c) l-adegwatezza tal-għarfien tal-elementi msemmija fil-punt (c) tal-3, u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn dan il-grad b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

***(d) l-adegwatezza tal-għarfien tad-dixxiplini u l-metodi kliniċi, kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minnhom b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

***(e) l-adattabilità tal-esperjenza klinika kif imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 3 b'konformità mal-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE.*

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 26 – punt a**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 38 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| It-taħriġ ta' kirurgi veterinarji għandu jinkludi total ta' mill-inqas ħames snin ta' studju teoretiku u prattiku full-time, li jista' | It-taħriġ ta' kirurgi veterinarji għandu jinkludi total ta' mill-inqas ħames snin ta' studju teoretiku u prattiku full-time, li jista' |

| | |
|---|---|
| jingħata f'termini ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, f'università jew istitut ta' edukazzjoni ogħla li jipprovdi taħriġ rikonoxxut bħala ta' livell ekwivalenti, jew taħt is-superviżjoni ta' università, li tal-inqas ikopri l-programm ta' studju msemmi fl-Annes V, punt 5.4.1. | jingħata *wkoll **bħala kriterju addizzjonali*** f'termini ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, f'università jew istitut ta' edukazzjoni ogħla li jipprovdi taħriġ rikonoxxut bħala ta' livell ekwivalenti, jew taħt is-superviżjoni ta' università, li tal-inqas ikopri l-programm ta' studju msemmi fl-Annes V, punt 5.4.1. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għoti ta' krediti tal-ECTS huma differenti ferm fl-Ewropa. Għalhekk, l-informazzjoni f'ECTS ma għandhiex tissostitwixxi l-kriterji l-oħra, iżda tingħata pjuttost addizzjonalment.*

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 26 – punt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 38 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a sabiex tispeċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-adegwatezza tal-għarfien dwar ix-xjenzi, kif imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li jirriżultaw minn dan il-grad ta' għarfien b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |
| ***(b) l-adegwatezza tal-għarfien dwar l-istruttura u l-funzjonijiet tal-annimali b'saħħithom, kif stabbilit fil-punt (b) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |
| ***(c) l-adegwatezza tal-għarfien dwar l-imġiba, l-ħarsien u l-mard tal-annimali, kif stabbilit punti (c) u (d) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |

***(d) l-adegwatezza tal-għarfien dwar il-mediċina preventiva, kif imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

***(e) l-adegwatezza tal-għarfien tal-elementi stabbiliti punt (f) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

***(f) l-adegwatezza tal-għarfien dwar l-esperjenza klinika u prattika oħra kif imsemmi fil-punt (h) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien għandu jinvolvi b'konformità mal-iżviluppi riċenti fl-edukazzjoni.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE.*

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 26a (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 38a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 38a*** |
| | ***Speċjalizzazzjonijiet veterinarji*** |
| | ***Fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk, minbarra speċjalizzazzjonijiet mediċi u tad-dentistrija, l-ispeċjalizzazzjonijiet veterinarji għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/KE, sakemm ikunu jeżistu f'mill-inqas terz tal-Istati Membri u, jekk dan ikun meħtieġ, għandha tressaq proposta*** |

***leġiżlattiva.***

*Ġustifikazzjoni*

*Anki fil-qasam veterinarju hemm numru ta' speċjalizzazzjonijiet li qed jiġu aktar rikonoxxuti fl-Ewropa. Fil-futur, dawn l-ispeċjalizzazzjonijiet għandhom ikunu koperti mis-sistema tar-rikonoxximent awtomatiku.*

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 27 – punt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) it-tlestija ta' mill-inqas ***12-il sena*** ta' edukazzjoni ta' skola ġenerali jew ċertifikat li jikkonferma suċċess f'eżami, ta' livell ekwivalenti, għall-ammissjoni għall-iskola għall-qwiebel għar-rotta I; | (a) it-tlestija ta' mill-inqas ***10 snin*** ta' edukazzjoni ta' skola ġenerali ***tal-inqas sal-età ta' 16*** jew ċertifikat li jikkonferma suċċess f'eżami, ta' livell ekwivalenti, għall-ammissjoni għall-iskola għall-qwiebel għar-rotta I; |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 27 – punt c**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 40 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a sabiex tispeċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-adegwatezza tal-għarfien tax-xjenzi li fuqhom huma bbażati l-attivitajiet tal-qwiebel, kif stabbilit punt (a) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |
| ***(b) l-adegwatezza tal-għarfien tal-elementi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3, u l-*** | |

***kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

***(c) l-adegwatezza tal-esperjenza klinika, kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mar-riformi riċenti fl-edukazzjoni kif ukoll il-progress xjentifiku u teknoloġiku;***

***(d) l-adegwatezza tal-fehim tat-taħriġ tal-persunal fil-qasam tas-saħħa u l-esperjenza ta' ħidma ma' dawn, kif imsemmi fil-punt (e) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' fehim jinvolvi b'konformità mar-riformi riċenti fl-edukazzjoni kif ukoll il-progress xjentifiku u teknoloġiku.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE.*

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 28**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) jew li jkun jiddependi mill-pussess ta' diploma, ċertifikat jew provi oħra ta' kwalifiki formali li jagħtu aċċess għal universitajiet jew istituzzjonijiet ta' edukazzjoni superjuri, inkella li jiggarantixxu livell ekwivalenti ta' għarfien; jew*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regolament inkluż fid-Direttiva 2005/36/KE ġie stabbilit fil-prattika u għandu wkoll jibqa' validu.*

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 28**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 41 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ab) wara t-tmiem tiegħu tinkiseb sentejn esperjenza professjonali li għaliha jinħareġ iċ-ċertifikat imsemmi fit-tieni paragrafu;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-regoli inklużi fid-Direttiva 2005/36/KE taw prova tal-validità tagħhom fil-prattika u għandhom jinżammu.*

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 30 – punt a**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 44 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-provi ta' kwalifiki formali bħala spiżjar għandhom jikkonfermaw taħriġ ta' mill-inqas ħames snin, li jista' jingħata wkoll f'termini ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, inklużi tal-inqas: | 2. Il-provi ta' kwalifiki formali bħala spiżjar għandhom jikkonfermaw taħriġ ta' mill-inqas ħames snin, li jista' addizzjonalment jingħata wkoll***, bħala kriterju addizzjonali,*** f'termini ta' krediti tal-ECTS ekwivalenti, inklużi tal-inqas: |

*Ġustifikazzjoni*

*L-għoti ta' krediti tal-ECTS huma differenti ferm fl-Ewropa. Għalhekk, l-informazzjoni f'ECTS ma għandhiex tissostitwixxi l-kriterji l-oħra, iżda tingħata addizzjonalment biss.*

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 30 – punt a**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) fi tmiem it-taħriġ teoretiku u prattiku, taħriġ prattiku għal sitt xhur fi spiżerija li hija miftuħa għall-pubbliku jew fi sptar taħt is-superviżjoni ta' dak id-dipartiment farmaċewtiku tal-isptar. | (b) fi tmiem ***jew matul*** it-taħriġ teoretiku u prattiku, taħriġ prattiku għal sitt xhur fi spiżerija li hija miftuħa għall-pubbliku jew fi sptar taħt is-superviżjoni ta' dak id-dipartiment farmaċewtiku tal-isptar. |

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri u l-universitajiet tagħhom għandu wkoll ikollhom il-possibilità li jippjanaw programmi ta' taħriġ kif jidhrilhom li hu xieraq. Speċjalment fil-pajjiżi Skandinavi t-taħriġ prattiku jsir f'perjodi ta' żmien separati matul l-istudju.*

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 30 – punt b**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 44 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a sabiex tispeċifika:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-adegwatezza tal-għarfien dwar il-mediċini u s-sustanzi użati fil-manifattura tal-mediċini, kif stipulat fil-punt (a) tal-paragrafu 3 u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |
| ***(b) l-adegwatezza tal-għarfien tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |
| ***(c) l-adegwatezza tal-għarfien tal-elementi msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku;*** | |
| ***(d) l-adegwatezza tal-għarfien dwar l-*** | |

***evalwazzjoni ta' dejta xjentifika, kif imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 3, u l-kompetenzi meħtieġa li dan il-grad ta' għarfien jinvolvi b'konformità mal-progress xjentifiku u teknoloġiku.***

*Ġustifikazzjoni*

*L-Istati Membri huma responsabbli għad-determinazzjoni tal-kontenut fit-taħriġ vokazzjonali skont l-Artikolu 166 tat-TFUE.*

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 30a (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (30a) Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 45, huwa miżjud il-punt (ea) li ġej: |
| | ***(ea) l-ordni, il-produzzjoni, l-ittestjar, il-ħżin u l-ħruġ ta' mediċini sikuri u ta' kwalità għolja minn spiżeriji pubbliċi;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qasam tal-attività ta' spiżjar kompla jevolvi u għalhekk għandu jiġi adattat. Huwa l-kompitu ta' kuljum ta' spiżjar li jixtri malajr mediċini li ma jkollux maħżuna u jagħtihom lill-pazjenti. Huwa wkoll importanti li l-ispiżjar jaċċerta ruħu dwar is-sikurezza u l-awtentiċità tal-mediċini meta jagħtihom lill-pazjenti.*

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 30b (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (30b) Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 45, huwa miżjud il-punt (fa) li ġej: |

***"(fa) il-ġestjoni tal-mediċini u l-provvista ta' informazzjoni u pariri dwar il-prodotti mediċinali u l-informazzjoni ġenerali dwar is-saħħa;"***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qasam tal-attività ta' spiżjar kompla jevolvi u għalhekk għandu jiġi adattat. Matul trattament b'mediċina huwa wkoll importanti li tiġi osservata ċerta mġiba, sabiex jinkiseb l-effett mixtieq tal-mediċina. F'dan ir-rigward, l-ispiżjar għandu rwol importanti bħala sors ta' informazzjoni.*

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 30c (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt fb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (30c) Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 45, huwa miżjud il-punt (fb) li ġej: |
| | ***"(fb) il-provvista ta' konsulenza u appoġġ għall-pazjenti rigward l-użu ta' mediċini li jinxtraw mingħajr ir-riċetta tat-tabib u l-awtomedikazzjoni;"*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qasam tal-attività ta' spiżjar kompla jevolvi u għalhekk għandu jiġi adattat. Fir-rigward ta' mard mhux serju, bħal pereżempju irjiħat, l-ispiżjara huma l-ewwel punt ta' kuntatt għall-pazjenti, li għandha tingħatalhom spjegazzjoni komprensiva mill-ispiżjar tagħhom.*

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 31a (ġdid)**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 45 – paragrafu 2 – punt ha (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | (31a) Fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 45, huwa miżjud il-punt (ha) li ġej: |

***"(ha) il-kontributi għal kampanji tas-saħħa pubblika u informattivi."***

*Ġustifikazzjoni*

*Ħafna mard, bħal pereżempju l-kanċer jew fenomeni bħal pereżempju reżistenzi għall-antibijotiċi jistgħu jiġu indirizzati aħjar billi jiżdied l-għarfien tal-pubbliku. Għarfien dwar stil ta' ħajja tajjeb għas-saħħa jew dwar l-użu korrett ta' antibijotiċi jista' jagħti kontribut għal soċjetà aktar b'saħħitha.*

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 49a – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi jikkombina l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi definiti fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ applikabbli f'tal-inqas terz mill-Istati Membri kollha; | (c) is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi jikkombina l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi definiti fis-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ applikabbli f'tal-inqas terz mill-Istati Membri kollha; ***jekk il-professjoni inkwistjoni hija diġà rregolata fi Stat Membru minn sistema ta' taħriġ dupliċi kif definita fl-Artikolu 3(1)(m), il-qafas ta' taħriġ komuni għandu jipprevedi taħriġ f'sistema dupliċi filwaqt li jżomm l-istandards eżistenti;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali dupliċi jagħtu kontribut ewlieni biex jiġġieldu l-qgħad fost iż-żgħażagħ peress li huma mfassla għar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u jiffaċilitaw l-integrazzjoni bikrija ta' apprendisti f'kumpaniji. Il-prinċipji komuni tat-taħriġ għandhom jiġu strutturati, għalhekk, skont il-linji tat-taħriġ dupliċi, meta dan ikun xieraq u meta tkun teżisti diġà sistema ta' taħriġ dupliċi mill-inqas fi Stat Membru wieħed.*

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 49a - paragrafu 2 - punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-professjoni kkonċernata mhijiex la koperta minn qafas ta' taħriġ komuni ieħor u lanqas diġà rregolata skont ***il-Kapitolu III*** tat-Titolu III | (e) il-professjoni kkonċernata mhijiex la koperta minn qafas ta' taħriġ komuni ieħor u lanqas diġà rregolata skont ***il-Kapitolu II jew III*** tat-Titolu III; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-qafas ta' taħriġ komuni huwa pożittiv fil-prinċipju, peress li l-introduzzjoni tiegħu ġġib aktar professjonijiet tas-saħħa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema tar-rikonoxximent awtomatiku. Madankollu, il-professjonijiet li huma koperti mill-Kapitolu II ma għandhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas ta' taħriġ komuni.*

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 49a - paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għall-professjonijiet ta' tobba, infirmiera responsabbli mill-kura ġenerali, dentisti, kirurgi veterinarji, qwiebel, spiżjara u periti li huma bbażati fuq il-prinċipju fundamentali tar-rikonoxximent awtomatiku tal-prova tal-kwalifiki formali abbażi ta' kundizzjonijiet minimi kkoordinati għat-taħriġ.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-Direttiva m'għandhiex tintroduċi t-tielet reġim ta' rikonoxximent apparti r-rikonoxximent awtomatiku u s-sistemi ġenerali. Dan jista' jwassal għal konfużjoni għall-awtorità professjonali u kompetenti. Għandu jkun espliċitu li l-oqfsa komuni ta' taħriġ ma japplikaw għal ebda professjoni settorjali.*

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 49a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a li jispeċifikaw is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi kif ukoll il-kwalifiki fuq il-qafas komuni ta' taħriġ. | 3. Il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a li jispeċifikaw is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi kif ukoll il-kwalifiki fuq il-qafas komuni ta' taħriġ. ***Fir-rigward tal-livell ta' dettall tagħhom dawn ma jmorrux lil hinn mill-kundizzjonijiet minimi ta' edukazzjoni u taħriġ fit-Titolu III, Kapitolu III.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*It-taħriġ vokazzjonali jaqa' taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri. Għaldaqstant, is-sett komuni ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi kif ukoll il-kwalifiki ma għandhomx ikunu aktar dettaljati mir-rekwiżiti minimi ta' taħriġ.*

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 49b - paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti skont dan l-Artikolu għandu jsir permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI).*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 49a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Stat Membru jista' ***jitlob deroga milli japplika*** l-qafas komuni ta' taħriġ imsemmi fil-paragrafu 3 fit-territorju tiegħu jekk kien beħsiebu jintroduċi professjoni rregolata ġdida fit-territorju tiegħu, jekk kien meħtieġ li jemenda l-prinċipji domestiċi eżistenti relatati mal-istruttura tal-professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għal tali professjonijiet jew jekk l-Istat Membru ma jixtieqx jirrelata s-sistema ta' kwalifiki nazzjonali tiegħu mal-kwalifiki stabbiliti fil-qafas komuni ta' taħriġ. ***Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni ta' implimentazzjoni sabiex tagħti dawn id-derogi lill-Istati Membri kkonċernati.*** | 5. Stat Membru jista' ***fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tal-att iddelegat imsemmi fil-paragrafu 3, jinforma lill-Kummissjoni li ma jixtieqx japplika*** l-qafas komuni ta' taħriġ imsemmi fil-paragrafu 3 fit-territorju tiegħu***. Dan jista' jsir*** jekk kien beħsiebu jintroduċi professjoni rregolata ġdida fit-territorju tiegħu, jekk kien meħtieġ li jemenda l-prinċipji domestiċi eżistenti relatati mal-istruttura tal-professjonijiet fir-rigward tat-taħriġ u tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għal tali professjonijiet jew jekk l-Istat Membru ma jixtieqx jirrelata s-sistema ta' kwalifiki nazzjonali tiegħu mal-kwalifiki stabbiliti fil-qafas komuni ta' taħriġ. |

*Ġustifikazzjoni*

*Għandha tibqa' prerogattiva tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jipparteċipawx fil-qafas komuni ta' taħriġ jew le.*

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 35**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 49b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Testijiet ta' taħriġ komuni*** | ***imħassar*** |
| ***1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, test ta' taħriġ komuni għandu jfisser test tal-aptitudni li jivvaluta l-ħila ta' professjonist li japplika bl-għan li tiġi vvalutata l-abilità ta' dan il-professjonist sabiex jaħdem fi professjoni fl-Istati Membri kollha li jirregolawha. It-tlestija b'suċċess ta' test ta' taħriġ komuni għandu jippermetti li jingħata aċċess u t-twettiq tal-attivitajiet professjonali kkonċernati fi Stat Membru bl-istess kundizzjonijiet bħal dawk tad-detenturi*** | |

***ta' kwalifiki professjonali miksuba f'dak l-Istat Membru.***

***2. It-test ta' taħriġ komuni għandu jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:***

***(a) it-test tat-taħriġ komuni jippermetti lil aktar professjonisti li jiċċaqalqu madwar l-Istati Membri meta mqabbel mas-sistema ġenerali għar-rikonoxximent tal-evidenza tat-taħriġ prevista fil-Kapitolu I tat-Titolu III;***

***(b) il-professjoni kkonċernata hija rregolata f'tal-inqas terz mill-Istati Membri kollha;***

***(c) it-test ta' taħriġ komuni tħejja wara proċess trasparenti b'mod xieraq, inklużi l-partijiet interessati mill-Istati Membri fejn il-professjoni mhijiex irregolata;***

***(d) it-test ta' taħriġ komuni jippermetti liċ-ċittadini minn kwalunkwe Stat Membru li jipparteċipaw f'tali test u fl-organizzazzjoni prattika ta' tali testijiet fl-Istati Membri mingħajr il-ħtieġa li jkunu membri ta' xi organizzazzjoni professjonali jew li jkunu rreġistrati ma' organizzazzjoni bħal din.***

***3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 58a fir-rigward tal-kundizzjonijiet għal tali test ta' taħriġ komuni.***

*Ġustifikazzjoni*

*It-test ta' taħriġ komuni jikkostitwixxi interferenza fil-kompetenza tal-Istati Membri u għalhekk huwa inaċċettabbli.*

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 38**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 53 – paragrafu 2 - subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Stat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe verifika tal-għarfien ta' lingwa titwettaq minn awtorità kompetenti wara li jkunu ttieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4d, 7(4) u 51(3) u jekk ikun hemm dubju serju u konkret dwar jekk huwiex biżżejjed l-għarfien lingwistiku tal-professjonist fir-rigward tal-attivitajiet professjonali li dik il-persuna beħsiebha twettaq. | "Stat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe verifika tal-għarfien ta' lingwa titwettaq minn awtorità kompetenti wara li jkunu ttieħdu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 4d, 7(4) u 51(3) u jekk ikun hemm dubju serju u konkret dwar jekk huwiex biżżejjed l-għarfien lingwistiku tal-professjonist fir-rigward tal-attivitajiet professjonali li dik il-persuna beħsiebha twettaq. ***Il-verifika tal-lingwa li ssir mill-awtorità kompetenti m'għandhiex iżżomm lil min iħaddem milli jwettaq kontrolli addizzjonali, skont il-każ.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 38**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fil-każ ta' professjonijiet b'implikazzjonijiet ***fuq is-saħħa tal-pazjenti***, ***l-Istati Membri jistgħu jagħtu d-dritt lill-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu verifiki tal-għarfien tal-lingwa li jkopru l-professjonisti*** kollha kkonċernati ***jekk dan ikun espressivament mitlub mis-sistema tal-kura tas-saħħa nazzjonali, jew fil-każ ta' professjonisti li jaħdmu għal rashom mhux affiljati mas-sistema ta' kura tas-saħħa nazzjonali, minn organizzazzjonijiet nazzjonali tal-pazjenti li jkunu rappreżentanti***. | Fil-każ ta' professjonijiet b'implikazzjonijiet ***għall-pazjenti, inkluż għas-sikurezza tal-pazjenti, u fil-każ tat-trattament u l-provvista ta' servizzi u informazzjoni lill-pazjenti, l-għarfien lingwistiku meħtieġ għall-eżerċitar tal-professjoni (jiġifieri l-għarfien tal-lingwa jew lingwi uffiċjali taż-żona lingwistika fejn jixtieq jaħdem il-professjonist, skont l-organizzazzjoni istituzzjonali tal-Istat Membru ospitanti), għandu jiġi ttestjat sistematikament mill-awtoritajiet kompetenti, għall-professjonisti*** kollha kkonċernati.<br><br>***Il-verifika tal-lingwi għandha tkun separata mir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, iżda għandha ssir qabel l-ammissjoni għall-professjoni. Il-livell C1 tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi għandu jittieħed bħala*** |

***standard minimu għal dan il-għan.***

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 38**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kull verifika tal-għarfien lingwistiku għandha tkun limitata għall-għarfien ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru skont l-għażla tal-persuna kkonċernata,*** għandha ***tkun proporzjonata mal-attività li għandha titwettaq u mingħajr ħlas għall-professjonist***. Il-persuna kkonċernata għandha titħalla tappella dawn il-verifiki quddiem qrati nazzjonali. | ***L-evalwazzjoni tal-għarfien tal-lingwa jew lingwi uffiċjali taż-żona lingwistika fejn il-professjonist jixtieq jaħdem,*** għandha ***tieħu l-Livell C1 tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi bħala standard minimu. Kwalunkwe ħlas li jista' jirriżulta lill-applikant fir-rigward tal-verifika tal-lingwa għandu jkun raġonevoli u proporzjonat u ta' ammont komparabbli mal-ħlasijiet meħtieġa minn professjonisti domestiċi jew professjonisti minn barra l-UE***. Il-persuna kkonċernata għandha titħalla tappella dawn il-verifiki quddiem qrati nazzjonali. |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 39**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 55a – Titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Rikonoxximent tat-taħriġ prattiku ***bi ħlas*** | Rikonoxximent tat-taħriġ prattiku ***b'sorveljanza obbligatorja*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-referenza għar-remunerazzjoni għandha titħassar.*

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – test introduttorju

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha u l-Kummissjoni dwar l-identità ta' professjonist li ġie projbit mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-qrati milli jwettaq, anki b'mod temporanju, l-attivitajiet professjonali li ġejjin fit-territorju ta' dak l-Istat Membru: | 1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jgħarrfu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha u l-Kummissjoni dwar l-identità ta' professjonist li ġie projbit ***jew ristrett*** mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-qrati milli jwettaq, anki b'mod temporanju, l-attivitajiet professjonali li ġejjin fit-territorju ta' dak l-Istat Membru: |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***tabib tal-familja*** li ***jkollu l-provi*** tal-kwalifika formali msemmija ***fil-punt 5.1.4*** tal-Anness V; | (a) ***tobba*** li ***jkollhom il-provi*** tal-kwalifika formali msemmija ***fil-punti 5.1.1, 5.1.3 u 5.1.4*** tal-Anness V; |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest tas-sikurezza tal-pazjenti ma għandha ssir l-ebda separazzjoni artifiċjali bejn il-professjonijiet tas-saħħa settorjali li huma koperti bis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku u l-professjonijiet tas-saħħa li għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' rikonoxximent individwali.*

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) tabib speċjalist li jkollu t-titlu msemmi fil-punt 5.1.3 tal-Anness V;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest tas-sikurezza tal-pazjenti ma għandha ssir l-ebda separazzjoni artifiċjali bejn il-professjonijiet tas-saħħa settorjali li huma koperti bis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku u l-professjonijiet tas-saħħa li għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' rikonoxximent individwali.*

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) professjonijiet settorjali li huma soġġetti għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 10;*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest tas-sikurezza tal-pazjenti ma għandha ssir l-ebda separazzjoni artifiċjali bejn il-professjonijiet tas-saħħa settorjali li huma koperti bis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku u l-professjonijiet tas-saħħa li għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' rikonoxximent individwali.*

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ja (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) professjonisti li mhumiex koperti bid-Direttiva 2006/123/KE u li għandhom influwenza fuq is-saħħa u s-sikurezza pubbliċi.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest tas-sikurezza tal-pazjenti ma għandha ssir l-ebda separazzjoni artifiċjali bejn il-professjonijiet tas-saħħa settorjali li huma koperti bis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku u l-professjonijiet tas-saħħa li għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' rikonoxximent individwali.*

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt jb (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) professjonisti suġġetti għas-sistema ġenerali ta' rikonoxximent, skont it-Titolu III kapitoli I u II, li għandhom implikazzjonijiet għas-sikurezza tal-pazjenti.*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a - paragrafu 1 - subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn tliet ijiem mid-data tal-adozzjoni *tad-Deċiżjoni* li tipprojbixxi l-professjonist ikkonċernat milli jwettaq attività professjonali. | L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tintbagħat sa mhux aktar tard minn tliet ijiem mid-data tal-adozzjoni *tad-deċiżjoni* li tipprojbixxi l-professjonist ikkonċernat milli jwettaq attività professjonali ***permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI)***. |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 56a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Fil-każijiet mhux koperti mid-Direttiva 2006/123/KE, fejn professjonist stabbilit fi Stat Membru jwettaq attività professjonali b'titlu professjonali ħlief dawk imsemmija fil-paragrafu 1 u fi ħdan il-qafas ta' din id-Direttiva, mingħajr dewmien minn meta jikseb informazzjoni attwali dwar kwalunkwe kondotta, Stat Membru għandu jgħarraf lill-Istati Membri kkonċernati l-oħra u lill-Kummissjoni bl-atti jew biċ-ċirkustanzi speċifiċi li huma relatati ma' din l-attività u li jistgħu jikkaġunaw dannu serju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni jew għall-ambjent fi Stat Membru ieħor. Dik l-informazzjoni ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa strettament neċessarju biex jiġi identifikat il-professjonist ikkonċernat u għandha tinkludi referenza għad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tipprojbixxi lilu jew lilha milli twettaq attivitajiet professjonali. Stat Membru ieħor jista' jitlob aktar informazzjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 8 u 56.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-kuntest tas-sikurezza tal-pazjenti ma għandha ssir l-ebda separazzjoni artifiċjali bejn il-professjonijiet tas-saħħa settorjali li huma koperti bis-sistema ta' rikonoxximent awtomatiku u l-professjonijiet tas-saħħa li għandhom ikunu soġġetti għal proċedura ta' rikonoxximent individwali.*

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a - paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jekk applikant jippreżenta dokumenti ta' identità jew ċertifikati foloz, f'dak il-*** |

***każ l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħrajn kollha.***

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mekkaniżmu ta' allarm għandu jikkunsidra wkoll il-perikli li jistgħu jiġu kkawżati minn ċertifikati ta' taħriġ iffalsifikati u identitajiet foloz.*

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a - paragrafu 2b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ospitanti jkollha raġunijiet li tkun tal-fehma li l-applikant akkwista t-titolu tiegħu mingħajr ma temm kors regolari ta' studju, l-Istat Membru ospitanti jista' jirrikjedi l-applikazzjoni ta' miżuri kompensatorji.*** |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
Artikolu 56a - paragrafu 2c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) L-Istati Membri għandhom jinfurmaw bla dewmien Stati Membri oħra inklużi fil-paragrafi 1 u 2, meta applikant jippreżenta informazzjoni falza, inkluż evidenza falza ta' taħriġ u edukazzjoni.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-mekkaniżmu ta' allarm għandu jiġi estiż sabiex ikopri każijiet fejn il-professjonisti jippreżentaw informazzjoni falza.*

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – punt 42**
Direttiva 2005/36/KE
L-Artikolu 56a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija. L-att ta' implimentazzjoni għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-awtoritajiet kompetenti intitolati li jibagħtu u/jew jirċievu t-twissijiet, dwar l-ikkomplimentar tat-twissijiet b'informazzjoni addizzjonali, dwar l-irtirar u l-għeluq ta' twissijiet, dwar id-drittijiet ta' aċċess għad-dejta, mezzi ta' korrezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fit-twissijiet, u miżuri li jiżguraw is-sigurtà tal-perjodi ta' pproċessar u żamma. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ***konsultazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 58. | 5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija. L-att ta' implimentazzjoni għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-awtoritajiet kompetenti intitolati li jibagħtu u/jew jirċievu t-twissijiet, dwar l-ikkomplimentar tat-twissijiet b'informazzjoni addizzjonali, dwar l-irtirar u l-għeluq ta' twissijiet, dwar id-drittijiet ta' aċċess għad-dejta, mezzi ta' korrezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fit-twissijiet, u miżuri li jiżguraw is-sigurtà tal-perjodi ta' pproċessar u żamma. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' ***eżami*** msemmija fl-Artikolu 58. |

## PROĊEDURA

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Titolu** | Emenda tad-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali u tar-Regolament [...] dwar il-kooperezzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern | | |
| **Referenzi** | COM(2011)0883 – C7-0512/2011 – 2011/0435(COD) | | |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO<br>19.1.2012 | | |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI<br>2.2.2012 | | |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Anja Weisgerber<br>15.2.2012 | | |
| **Eżami fil-kumitat** | 30.5.2012 | 20.9.2012 | 5.11.2012 |
| **Data tal-adozzjoni** | 6.11.2012 | | |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +:<br>–: | 58<br>2 | |

| | |
|---|---|
| | 0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Martina Anderson, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Nessa Childers, Yves Cochet, Chris Davies, Anne Delvaux, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Klaß, Eija-Riitta Korhola, Holger Krahmer, Jo Leinen, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Vladko Todorov Panayotov, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Pavel Poc, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Kārlis Šadurskis, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Salvatore Tatarella, Thomas Ulmer, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Marina Yannakoudakis |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Frieda Brepoels, Nikos Chrysogelos, Christofer Fjellner, Julie Girling, Jutta Haug, Riikka Manner, Britta Reimers, Alda Sousa, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Andrea Zanoni |